

# Rapport Analitiku 05

MT

Strateġiji ta'  
speċjalizzazzjoni  
intelliġenti fl-UE



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

2025

# Werrej

|                                                                                                                               | Paragrafu |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|
| <b>Sommarju eżekuttiv</b>                                                                                                     | I - VIII  |
| <b>Introduzzjoni</b>                                                                                                          | 01 - 06   |
| L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti                                                                                             | 01 - 04   |
| Rwoli u responsabbiltajiet                                                                                                    | 05 - 06   |
| <b>Ambitu u approċċ</b>                                                                                                       | 07 - 11   |
| <b>L-iżvilupp tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti</b>                                                              | 12 - 30   |
| L-orijini u l-prinċipji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti                                                                   | 12 - 24   |
| L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-prijoritajiet ta' innovazzjoni tal-politika industrijali tal-UE                         | 25 - 30   |
| <b>L-involviment tal-partijiet ikkonċernati: il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali</b>                                   | 31 - 62   |
| Il-prinċipji tal-iskoperta intraprenditorjali                                                                                 | 32 - 34   |
| Il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali fil-prattika                                                                       | 35 - 40   |
| L-implimentazzjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tiggwida l-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni | 41 - 51   |
| Kollaborazzjoni interreġjonali fil-kuntest tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti                                                | 52 - 62   |
| <b>Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-impatt</b>                                                                               | 63 - 79   |
| Approċċ ta' monitoraġġ għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali                                         | 64 - 67   |
| Monitoraġġ u evalwazzjoni fil-prattika                                                                                        | 68 - 70   |
| Evalwazzjoni fil-livell reġjonali                                                                                             | 71 - 73   |
| Sa issa ma saret l-ebda evalwazzjoni dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell tal-UE                                 | 74 - 79   |
| <b>Kummenti tal-għeluq</b>                                                                                                    | 80 - 86   |

## **Annessi**

**Anness I — Eżempji ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**

**Anness II — Skeda ta' żmien tal-iżvilupp tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**

**Anness III — Lista ta' proġetti ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti rieżaminati**

**Anness IV – Metodoloġija tal-istħarriġ tal-QEA**

## **Abbrevjazzjonijiet**

## **It-tim tal-QEA**

## Sommarju eżekuttiv

**I** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija approċċ ta' politika ta' innovazzjoni reġjonali tal-UE. "Strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti" (imsejħa wkoll S3) fil-kuntest tal-UE tinkludi strateġija ta' innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali, li tistabbilixxi prijoritajiet għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex jinbena l-vantaġġ kompetittiv tar-reġjun. Dan billi jiġu żviluppati u mqabbla l-punti b'saħħithom tiegħu mal-ħtiġijiet tan-negozju. Il-finanzjament relatat għar-riċerka u l-innovazzjoni, li huwa ggwidat mill-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, jirrappreżenta aktar minn EUR 70 biljun matul iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni (2014–2020 u 2021–2027).

**II** L-oġettiv ta' dan ir-rapport analitiku huwa li jipprovdi informazzjoni utli dwar xiex tikkonsisti l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u kif tiġi implimentata fl-UE. L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija importanti billi hija għodda pijuniera bbażata fuq il-post u hija maħsuba biex iġġib bidla importanti, minn investimenti mifruxa bejn il-fondi tal-UE għal approċċ aktar strateġiku. Dan ir-rapport analitiku jipprovdi deskrizzjoni u analiżi bbażati prinċipalment fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Mhuwiex awditu.

**III** Barra minn hekk, aħna wettaqna sħarriġ tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u ġbarna informazzjoni permezz ta' żjarat fuq il-post u intervisti mal-awtoritajiet reġjonali. Irrieżaminajna l-evoluzzjoni tal-kunċett, u kif dan jiġi implimentat, immonitorjat u evalwat.

**IV** Għall-perjodu 2014–2020, il-proġetti ta' innovazzjoni ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) kienu ġeneralment allinjati mal-prijoritajiet tal-istrateġiji, li jappoġġaw l-investiment tar-riżorsi tal-UE fis-setturi fil-mira. Dan l-allinjament issaħħaħ għall-perjodu 2021–2027. Madankollu, ma hemm l-ebda sorveljanza fil-livell tal-UE biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-proċess ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti lil hinn minn sempliċi konformità. Lanqas ma hemm xi mezzji diretti biex il-prijoritajiet reġjonali żgur jieħdu kont tal-prijoritajiet ta' innovazzjoni tal-politika industrijali tal-UE (bħall-mikroċipep u l-idroġenu).

**V** Il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"proċess") huwa parti importanti mill-iżvilupp ta' strateġija bħal din, u huwa mfassal biex jinvolvi kemm jista' jkun partijiet ikkonċernati rilevanti fl-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' investiment. Dan sar pass obbligatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, iżda xi risponenti għall-istħarriġ tagħna jsibu l-proċess diffiċli biex jiġi applikat u kieku jibbenefika minn gwida aktar ċara u aġġornata.

**VI** Il-kollaborazzjoni interreġjonali hija kruċjali biex l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti żgur tkun suċċess. F'dan ir-rigward, pereżempju, il-komunità ta' prattika ta' speċjalizzazzjoni **intelliġenti** tal-Kummissjoni sservi bħala ċentru ta' gwida, networking u appoġġ. Il-pjattaforma hija mfassla biex issaħħaħ il-kooperazzjoni interreġjonali, iżda ħafna reġjuni għadhom ma jużawx l-informazzjoni disponibbli.

**VII** Il-monitoraġġ tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livelli nazzjonali u reġjonali evolva matul is-snin, iżda l-approċċi meħuda, bħall-indikaturi użati, ivarjaw b'mod sinifikanti. Il-monitoraġġ tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti wera li huwa ta' sfida għar-reġjuni sa mill-ħolqien tal-kunċett tal-istrateġija, speċjalment għal dawk ir-reġjuni li huma inqas innovattivi. L-evalwazzjonijiet fil-livell reġjonali jiffukaw fuq l-impatt tal-investimenti ta' innovazzjoni sottostanti, aktar milli fuq il-proċess ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti nnifsu. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni ma wettqitx evalwazzjoni minn mindu ġie introdott il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-2014, għalkemm studju estern li għadu għaddej jew evalwazzjoni usa' li jmiss mill-Kummissjoni dwar il-FEŻR għandhom mnejn jindirizzaw dan in-nuqqas sa ċertu punt. Madankollu, il-biċċa l-kbira mir-rispondenti għall-istħarriġ tagħna indikaw li jsibu l-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti utli.

**VIII** Aħna nenfasizzaw tliet sfidi futuri għall-Kummissjoni:

- o Biex tagħmel l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti utli, jenħtieġ li dawn jidentifikaw prijoritajiet sinifikattivi li jottimizzaw l-infiq tal-UE u li jkunu definiti sew, sabiex ir-reġjuni jkunu jistgħu jstabbilixxu prijoritajiet bil-livell it-tajjeb ta' dettall. Hemm opportunità għall-Kummissjoni biex tippromwovi l-koerenza bejn il-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-prijoritajiet tal-UE għar-riċerka fil-politika industrijali u l-innovazzjoni. L-Osservatorju CoP S3 jista' jintuża aħjar biex jiġi identifikati lakuni u trikkib prijoritarji.

- Biex tivvaluta l-valur tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti bħala proċess u tevalwa l-implimentazzjoni tagħha fl-UE. Din l-evalwazzjoni jenħtieġ li tiegħu inkunsiderazzjoni jekk il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jaħdimx tajjeb bl-istess mod għal reġjuni li għandhom karatteristiċi differenti, jew jekk jeħtieġx aktar flessibbiltà biex jissodisfa ħtiġijiet differenti. Għadu mhux ċar jekk il-kunċett jistax jiġi evalwat indipendentement mill-infiq fuq l-innovazzjoni taħt il-FEŻR li huwa jiggwida. Il-Kummissjoni tista' ttipprovdi appoġġ lill-Istati Membri dwar is-simplifikazzjoni tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, kif enfasizzat mir-riżultati tal-istħarriġ tagħna.
- Biex jiġi mmassimizzat il-valur tal-kooperazzjoni interreġjonali. Il-Kummissjoni għandha l-opportunità li tkompli tippromwovi din il-kooperazzjoni, inkluż billi tidentifika u tiffaċilita oqsma adatti għal tali kooperazzjonijiet, tappoġġa reġjuni inqas innovattivi fl-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva tagħhom, u tara li żgur ikun hemm inċentivi adatti għall-kooperazzjoni fis-seħħ.

# Introduzzjoni

## L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti

**01** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija approċċ ta' politika tal-innovazzjoni fi ħdan l-iżvilupp reġjonali tal-UE. Hija għandha l-għan li tgħin lir-reġjuni jidentifikaw l-aktar oqsma promettenti għall-iżvilupp futur tagħhom, u li tuża din l-informazzjoni biex ittejjeb l-allokazzjoni tal-**fondi taħt il-politika ta' koeżjoni**<sup>1</sup> Fi kliem sempliċi, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tgħin lir-reġjuni jiffukaw l-infiq tagħhom fuq l-innovazzjoni fuq il-punti b'saħħithom potenzjali u reali tagħhom, biex jippromwovu t-tkabbir ekonomiku — billi jspeċjalizzaw b'mod intelliġenti. Strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (minn hawn 'il quddiem imsejħa strateġija) hija pjan prodott minn kull reġjun li jiddeskrivi l-prioritajiet li fuqhom se jkunu qed jinvestu l-isforzi tagħhom (ara l-**Anness I** għal eżempji).

### Kaxxa 1

#### Definizzjoni ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

*"... 'strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti' tfisser l-istrateġiji ta' innovazzjoni nazzjonali jew reġjonali li jistabbilixxu prioritajiet b'mod il-jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppati u mqabbla il-punti ta' forza tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-ħtiġijiet kummerċjali biex jiġu indirizzati l-opportunitajiet emerġenti u l-iżviluppi fis-suq b'mod koerenti, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni tal-isforzi..."*

Sors: ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 2014-2020 (RDK).

**02** Il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti huwa maħsub biex jgħin biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni fl-UE, definit bħala *l-persistenza ta' varjazzjonijiet sinifikanti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fost l-Istati Membri u r-reġjuni* u jirriżulta minn fatturi strutturali. Ir-reġjuni tal-UE huma kklassifikati f'erba' gruppi ta' prestazzjoni fl-innovazzjoni mit-**Tabella ta' Innovazzjoni Reġjonali** tal-Kummissjoni. Fl-2023 kien hemm 36 mexxej tal-innovazzjoni, 70 innovatur b'saħħtu, 69 innovatur moderat, u 64 innovatur emerġenti.

<sup>1</sup> *Guide to Research and Innovation Strategies for smart specialisation (RIS 3)*, il-Kummissjoni Ewropea 2012.


**03** Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-[2010](#) għall-oġġettivi tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020. Il-gvernijiet nazzjonali u reġjonali kienu meħtieġa jiżviluppaw strateġiji, u b'hekk jidentifikaw il-vantaġġ(i) kompetittiv(i) rispettiv(i) tagħhom.

**04** Il-produzzjoni ta' strateġija inizjalment kienet kundizzjoni<sup>2</sup> biex ikun jista' jiġi aċċessat il-finanzjament għar-R&I taħt il-FEŻR għall-perjodu 2014–2020, u mbagħad ġiet estiża għall-perjodu 2021–2027 (ara l-[Anness II](#) għall-evoluzzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti). Kif stabbilit fl-[ewwel gwida tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti](#) fl-2012, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tinvolti l-ġenerazzjoni ta' assi u kapaċitajiet uniċi bbażati fuq l-istrutturi u l-għarfien distintivi tal-industrija ta' kull reġjun (il-[Figura 1](#)).

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-Premessa 21 u l-Artikolu 19.

**Figura 1 — Illustrazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Gómez Prieto J. et al. (2019).

## Rwoli u responsabbiltajiet

**05** Ir-responsabbiltà għall-produzzjoni ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti hija prinċipalment tal-awtoritajiet reġjonali jew nazzjonali (meta pajjiż ikun definit bħala reġjun wieħed għal dawn l-iskopijiet, jew jikkomplementa l-istrateġija reġjonali tiegħu b'waħda nazzjonali). Dawn l-awtoritajiet huma responsabbli għal:

- it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ambitu ġeografiku ta' dawn l-istrateġiji;
- l-identifikazzjoni ta' daww l-oqsma industrijali jew kummerċjali oħra li fihom teżisti jew hija mmirata l-ispeċjalizzazzjoni, u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet relatati tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- l-għażla ta' proġetti adatti biex jiġu allinjati mal-prijoritajiet;

- o l-iżborż tal-finanzjament;
- o il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti, kif ukoll għall-istrateġija b'mod aktar ġenerali.

**06** L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni t-tnejn jivverifikaw li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tar-reġjuni jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-RDK. Madankollu, dan ma jinkludix il-valutazzjoni u l-ġudizzju tal-adekwatezza tal-oqsma li fihom jiddeċiedu li jispeċjalizzaw, u lanqas il-prijoritajiet li jagħżlu. Huma għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jevalwaw il-programmi tal-FEŻR. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ u koordinazzjoni. Il-Kummissjoni u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tagħha flimkien appoġġaw lir-reġjuni fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti inizjali tagħhom. FI-2011, il-JRC stabbilixxa pjattaforma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti — komunità online għal dawk involuti fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji. FI-2023, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana (DG REGIO) issostitwixxa l-pjattaforma b'*komunità ta' prattika ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, nodu ċentrali għall-gwida, in-networking, l-appoġġ u t-tagħlim bejn il-pari dwar l-S3, li jkopri t-tfassil tagħha u l-implimentazzjoni tagħha tal-S3*. Il-komunità ta' prattika tospita gwidi u għodod għall-prattika, u tintuża biex tippjana u torganizza avvenimenti relatati.

## Ambitu u approċċ

**07** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija importanti billi hija għodda pijuniera bbażata fuq il-post u hija maħsuba biex iġġib bidla importanti, minn investimenti mifruxa bejn il-fondi tal-UE għal approċċ aktar strateġiku. Ir-rapport analitiku tagħna huwa maħsub biex jiddeskrivi u janalizza l-orijini, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-kuntest tal-UE, inkluż il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali.

**08** Aħna niffukaw prinċipalment fuq l-interazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti mal-FEŻR, billi dan jirrappreżenta l-aktar fluss ta' finanzjament materjali marbut mal-istrateġiji. Il-finanzjament mill-Fond Soċjali Ewropew jista' jkun marbut ukoll ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti permezz tal-oġettiv speċifiku ta' "ħiliet għall-S3". Dan l-oġettiv jiffoka fuq l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol meħtieġa, iżda l-eżistenza ta' strateġija mhijiex kundizzjoni biex wieħed jirċievi dawn il-fondi.

**09** Dan ir-rapport analitiku huwa bbażat prinċipalment fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, minbarra materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop. Għall-kuntrarju ta' awditu, rapport analitiku jipprovdi analiżi deskrittiva u informattiva.

**10** L-entità li rrieżaminajna hija l-Kummissjoni, speċifikament id-DĠ REGIO. Kellna wkoll laqgħat ta' informazzjoni ma' rappreżentanti ta' diversi organizzazzjonijiet rilevanti, esperti akkademiċi u rappreżentanti ta' erba' reġjuni ewlenin tal-innovazzjoni jew Stati Membri: Baden-Württemberg (il-Ġermanja), id-Danimarka, Helsinki-Uusimaa (il-Finlandja) u Stokkolma (l-Iżvezja). Wettaqna żjarat fuq il-post lill-mexxej tal-innovazzjoni fil-Bavarja (il-Ġermanja), li matulhom irċevejna input mingħand ir-reġjun ġar tiegħu ta' Oberösterreich (l-Awstrija), u lill-innovatur emerġenti f'Extremadura (Spanja), u rċevejna input mir-reġjuni ġirien ta' Alentejo u Centro (il-Portugall). Matul dawn iż-żjarat irrieżaminajna sitt proġetti ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (l-[Anness III](#)). F'Diċembru 2024, ipparteċipajna fil-[konferenza annwali dwar l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti](#) biex ninvolvu ruġna mar-rappreżentanti reġjonali.

**11** Wettaqna wkoll sħarriġ tal-178 awtorità nazzjonali jew reġjonali li pparteċipaw fi speċjalizzazzjoni intelliġenti biex niksbu l-fehmiet tagħhom dwar diversi elementi relatati mal-politika u l-proċess. Ir-rata ta' rispons kienet ta' 58 % (l-[Anness IV](#)).

# L-iżvilupp tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

## L-orijini u l-prinċipji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti

**12** Filwaqt li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti ħarġet bħala kunċett taħt dak l-isem f'nofs is-snin 2000, il-prinċipji ewlenin kienu diġà komuni kemm fiċ-ċrieki akkademiċi kif ukoll fid-dibattiti ta' politika reġjonali<sup>3</sup>. Pereżempju, l-awtoritajiet f'Baden-Württemberg, wieħed mill-mexxejja tal-innovazzjoni tal-UE, spjegawlna li kienu ilhom jipprattikaw l-ippjanar tal-innovazzjoni reġjonali bbażat fuq il-prijoritajiet sa mill-bidu tas-snin 1990. Fil-kuntest tal-*Istrateġija ta' Lisbona tal-2000* — bl-għan li l-UE ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien fid-dinja — id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DG RTD) laqqa' flimkien grupp ta' ekonomisti tat-tkabbir u l-innovazzjoni biex jifforma l-grupp ta' Għarfien għat-Tkabbir. Dan il-grupp fassal ideat għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u l-indirizzar tad-distakk fl-innovazzjoni bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti<sup>4</sup>.

**13** Għalkemm il-fokus inizjali kien fuq il-kompetittività tar-riċerka<sup>5</sup>, il-kunċett tfassal fi żmien meta l-innovazzjoni reġjonali — li kienet ilha diġà parti mill-politika ta' koeżjoni mill-1993 — tqieset bħala prijorità mid-DG REGIO. Sas-snin 2000, il-biċċa l-kbira mir-reġjuni kienu qed jappoġġaw l-innovazzjoni b'finanzjament mill-FEŻR<sup>6</sup>. Il-Kummissjoni identifikat problemi persistenti, bħan-nuqqas ta' analiżi soda tal-punti b'saħħithom reġjonali f'dan il-qasam<sup>7</sup>. L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għalhekk tqieset bħala mod kif tiġi indirizzata l-kwistjoni, u ġiet diskussa bħala triq 'il quddiem potenzjali fir-*Rapport Barca tal-2009* dwar ir-riforma tal-koeżjoni. Il-Kummissjoni ħabbret li kienet se tinkorpora l-kunċett fil-politika ta' koeżjoni f'*Komunikazzjoni tal-2010*.

<sup>3</sup> Foray D., *Smart Specialisation: Opportunities and Challenges for Regional Innovation Policy* 2015, p. 10.

<sup>4</sup> *Knowledge for Growth: Prospects for science, technology and innovation*, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, 2009, p. 5.

<sup>5</sup> Foray D., *Smart Specialisation: Opportunities and Challenges for Regional Innovation Policy* 2015, p. 16.

<sup>6</sup> *Ibid.*

<sup>7</sup> *Guide to Research and Innovation Strategies for smart specialisation (RIS 3)*, il-Kummissjoni Ewropea 2012.

**14** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti evolviet malajr minn kunċett żviluppat minn grupp ta' ħidma tad-DĠ RTD biex saret parti integrali mill-politika ta' koeżjoni. Il-kunċett ġie inkluż fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni<sup>8</sup> (RDK) fl-2013, li jirregola l-ħames fondi tal-UE implimentati taħt ġestjoni kondiviża.

**15** Ir-RDK 2014-2020 stabbilixxa prerekwiżit ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (jew bħala kundizzjonalità *ex ante*<sup>9</sup>) għall-aċċess għall-finanzjament għall-oġettiv tematiku 1: "it-tiżiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni". Il-koleġiżlaturi qiesu dan bħala mod kif jgħinu biex żgur isir użu effettiv u effiċjenti mill-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE involuti.

**16** Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew<sup>10</sup> innota li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti kienet ġiet żviluppata u implimentata mingħajr ma ġiet ittestjata u mingħajr wisq esperjenza fl-implimentazzjoni min-naħa tar-reġjuni tal-UE. Barra minn hekk, ir-riċerka dwar l-introduzzjoni tagħha sabet li fil-mument tal-implimentazzjoni, it-teorija li tirfed il-kunċett kienet għadha dgħajfa, u ma kellhiex bażi ta' evidenza adegwata, trasparenza suffiċjenti, u verifikabbiltà<sup>11</sup>.

**17** Billi r-RDK tal-perjodu 2014–2020 ippreċeda l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-2018, evalwazzjoni *ex ante* tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti la kienet obbligatorja u lanqas ma twettqet. Ir-Regolament kien jinkludi tliet kriterji ta' twettiq biex jara li l-istrategġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti nazzjonali jew reġjonali żgur kienu effettivi (it-**Tabella 2**). F'Mejju 2012 inħarġet **gwida** fil-forma ta' dokument ta' orjentazzjoni ġenerali. Hija stabbiliet ċerti prinċipji ġenerali u mhux vinkolanti ("l-erba' Cs") u ddefiniet approċċ f'sitt stadji għat-tnejjja ta' strategġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (it-**Tabella 1**).

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 1303/2013.

<sup>9</sup> Ibid, l-Artikolu 2(3).

<sup>10</sup> EPRS, *Smart specialisation: The concept and its application to EU cohesion policy*, 2016.

<sup>11</sup> Foray D., *Smart Specialisation: Opportunities and Challenges for Regional Innovation Policy* 2015, p. 16.

**Tabella 1 — L-erba' prinċipji ġenerali tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u s-sitt stadji biex jitfasslu**

| Erba' prinċipji ġenerali (l-“erba' Cs”)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | Sitt stadji ta' tfassil                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <ul style="list-style-type: none"> <li>○ Għażliet (iebsa) u massa kritika (għandhom ftit prijoritajiet fil-katina tal-valur internazzjonali, evitar tad-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni)</li> <li>○ Vantaġġ kompetittiv (tqabbil tal-potenzjal tar-R&amp;I man-negozju bl-użu tal-proċess ta' skoperta intraprenditorjali)</li> <li>○ Konnettività u raggruppamenti (tqabbil dak li għandek mal-bqija tad-dinja)</li> <li>○ Tmexxija kollaborattiva</li> </ul> | <ul style="list-style-type: none"> <li>○ Analiżi tal-kuntest reġjonali u l-potenzjal għall-innovazzjoni</li> <li>○ Twaqqif ta' struttura ta' governanza soda u inklużiva</li> <li>○ Produzzjoni ta' viżjoni kondiviża tal-futur tar-reġjun</li> <li>○ Għażla ta' għadd limitat ta' prijoritajiet għall-iżvilupp reġjonali</li> <li>○ Twaqqif ta' taħlitiet ta' politika adatti</li> <li>○ Integrazzjoni tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni</li> </ul> |

Sors: il-QEA, abbażi tal-gwida 2012 S3 .

**18** Fl-2014, [riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew](#) iddikjarat li l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti hija proċess dinamiku u fit-tul. Irrikonoxxiet li l-iżvilupp ta' tali strateġija jista' joffri lir-reġjuni vantaġġi sinifikanti għal żmien medju u fit-tul f'dik li hi effikaċja tar-R&I tagħhom, filwaqt li indikat ukoll ir-riskji relatati mal-implimentazzjoni tal-kunċett. B'mod aktar speċifiku, fl-2013, kumitat tal-Parlament Ewropew<sup>12</sup> identifika diversi riskji li jistgħu jxekklu l-implimentazzjoni tagħha:

- dan jaf isir biss rekwiżit formali (jiġifieri eżerċizzju ta' mmarkar tal-kaxxi);
- ir-reġjuni jaf jikkonċentraw fuq ir-riċerka u l-iżvilupp biss, aktar milli jużaw idea usa' ta' innovazzjoni li tista' tkun ta' benefiċċju aħjar għar-reġjuni inqas avvanzati (jiġifieri t-tħaddin ta' innovazzjoni ta' teknoloġija aktar baxxa);
- f'xi reġjuni jaf ikun hemm kapaċità amministrattiva lokali insuffiċjenti biex jiġi implimentat b'mod sinifikanti l-proċess ta' skoperta intraprenditorjali;
- il-prijoritajiet jaf jiġu stabbiliti b'mod wiesa' wisq, li jfisser li l-finanzjament li jirriżulta mhux se jkun iffukat biżżejjed;

<sup>12</sup> Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, “*Dokument ta' Ħidma dwar speċjalizzazzjoni avvanzata: Networking ta' ċentri ta' eċċellenza għal politika ta' koeżjoni effettiva*”, 2013.

- o il-kooperazzjoni interreġjonali għandha mnejn tkun kemm proċess li jieħu ħafna ħin kif ukoll li jiswi l-flus, filwaqt li l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni (permezz tal-linji gwida stabbiliti u l-pjattaforma S3) jaf ma jkunx biżżejjed għal kull reġjun;
- o diffikultajiet possibbli fil-kisba ta' sinerġiji bejn sorsi differenti ta' finanzjament, eż. il-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE u l-fondi ta' Orizzont 2020.

**19** Fir-**RDK 2021-2027**, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti saret kundizzjoni abilitanti tematika — “governanza tajba tal-istrateġija ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti nazzjonali jew reġjonali” — għall-infiq taħt żewġ objettivi speċifiċi tal-**objettiv ta’ politika 1** “Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti”. Wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi huwa dwar l-iżvilupp u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ teknoloġiji avvanzati. L-objettiv speċifiku l-ieħor għandu l-għan li jiżviluppa ħiliet għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija. Fil-prattika, dan ifisser li strateġija ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti kienet obligatorja biex jiġu aċċessati fondi taħt il-FEŻR ipprogrammati taħt daww l-objettivi speċifiċi. Objettivi speċifiċi oħra (pereżempju, dwar il-pjattaforma tat-teknoloġiji strateġiċi għall-Ewropa (**STEP**)) jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, anke jekk il-kundizzjonijiet abilitanti ma japplikawx.

**20** Ir-**RDK** tal-2021 applikabbli għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2021-2027 introduċa seba’ kriterji ta’ twettiq għal strateġiji ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti, biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kunċett u biex jiġu indirizzati xi wħud mill-isfidi ffaċċjati qabel (it-**Tabella 2**). L-approċċ aġġornat għamel l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti kundizzjoni abilitanti u dment li l-konformità tiġi vvalutata matul il-perjodu ta’ finanzjament, bl-istrateġija tiġi aġġornata kif meħtieġ. Dan fisser li ma jibqax biss eżerċizzju ta’ darba li jitlesta fil-bidu taċ-ċiklu ta’ finanzjament.

**Tabella 2 — Kriterji għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ppreżentati fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 2014–2020 u 2021–2027**

| Objettiv tematiku 1:<br>It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp<br>teknoloġiku u l-innovazzjoni<br><br>2014–2020                                             | Objettiv ta' politika 1:<br>Ewropa aktar kompetittiva u aktar<br>intelliġenti<br><br>2021–2027                                                                       |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| L-istrateġija hija bbażata fuq SWOT jew analiżi simili biex ir-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq sett limitat ta' prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni | Analiżi aġġornata tal-ostakli relatati mat-tixrid tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni                                                                             |
| L-istrateġija tiddeskrivi miżuri li jstimulaw ir-riċerka privata u l-investiment fl-iżvilupp teknoloġiku                                               | L-eżistenza ta' istituzzjoni jew korp kompetenti reġjonali jew nazzjonali, responsabbli għall-ġestjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti            |
| L-istrateġija fiha mekkaniżmu ta' monitoraġġ                                                                                                           | L-għodod ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni biex titkejjel il-prestazzjoni lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tal-istrateġija.                                                |
|                                                                                                                                                        | Il-funzjonament tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati ("proċess ta' skoperta intraprenditorjali")                                                         |
|                                                                                                                                                        | L-azzjonijiet meħtieġa biex jittejbu s-sistemi nazzjonali jew reġjonali ta' riċerka u innovazzjoni, fejn rilevanti                                                   |
|                                                                                                                                                        | Fejn rilevanti, azzjonijiet biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni industrijali                                                                                          |
|                                                                                                                                                        | Miżuri għat-titjib tal-kooperazzjoni ma' sħab minn barra Stat Membru partikolari f'oqsma ta' prijorità appoġġati mill-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti |

Sors: il-QEA, abbażi tar-RDK għall-2014–2020 u l-2021–2027.

**21** Filwaqt li r-RDK 2014–2020 ippreċeda l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, ir-RDK 2021–2027 ġie warajha. Kif enfasizzat fl-Opinjoni [Nru 2/2020](#) tal-QEA, ir-RDK tal-2021–2027, inklużi d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, ma kinux soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt.

**22** Min-naħa l-oħra, il-valutazzjonijiet tal-impatt twettqu għar-regolamenti speċifiċi għall-fondi f'[dokument ta' ħidma tal-persunal](#) tal-2018 li jakkumpanja l-proposti għall-FEŻR għall-perjodu 2021–2027<sup>13</sup>. Madankollu, dawn ma koprewx l-impatt jew il-valur mistenni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u d-dokument lanqas ma rrefera għal xi sejbiet rilevanti tal-evalwazzjoni. Skont stħarriġ li sar għad-dokument, l-ogħla livelli ta' sodisfazzjon bl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti ġew irrappurtati fi Stati Membri mexxejja fl-innovazzjoni, b'mod partikolari l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja, fejn 80 % iquis li l-benefiċċji jgħlbu l-kostijiet involuti. Din is-sejba sa ċertu punt tmur kontra l-eżiti tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti previsti mill-iżviluppaturi tal-kunċett, li sostnew li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti ma għandhiex tkun “riżervata għall-aħjar” (jiġifieri l-aktar reġjuni innovattivi), u li l-għan prinċipali tagħha huwa l-potenzjal trasformattiv tagħha f'reġjuni inqas avvanzati<sup>14</sup>.

**23** Il-kollaborazzjoni interreġjonali għandha l-potenzjal li twassal għal ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali b'aktar suċċess<sup>15</sup>. L-iffaċilitar tal-aċċess għar-riżorsi, il-ħiliet u l-għarfien minn barra r-reġjun jista' jwassal għal benefiċċji sostanzjali. Il-kollaborazzjoni tista' ssejtn fuq ħafna livelli differenti, mill-iżvilupp tal-politika sal-ftuħ tal-programmi għal sħab esterni jew proġetti konġunti, u, fl-aħħar mill-aħħar, l-integrazzjoni tal-politika permezz ta' strateġiji konġunti<sup>16</sup>.

**24** Ir-riċerka<sup>17</sup> tissuġġerixxi li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jenħtieġ li mhux biss jidentifikaw il-prijoritajiet, iżda wkoll jgħinu b'mod attiv lir-reġjuni biex jibbenefikaw minn punti b'saħħithom komplementari u għarfien ġdid, u biex jintegraw fil-ktajjen tal-valur globali. B'mod ġenerali, il-konnessjonijiet interreġjonali jistgħu jgħinu lir-reġjuni jiddiversifikaw u jagħtu spinta lir-reżiljenza.

---

<sup>13</sup> [SWD/2018/282](#).

<sup>14</sup> Foray D., *Smart Specialisation: Opportunities and Challenges for Regional Innovation Policy* (2015), p. 12.

<sup>15</sup> Bachtrögler-Unger, J., Balland, P.-A., Boschma, R., u Schwab, T., *Technological capabilities and the twin transition in Europe: Opportunities for regional collaboration and economic cohesion*, Bertelsmann Stiftung, Berlin, 2023.

<sup>16</sup> Morisson, A. u Pattinson M., *Interregional Complementarities in innovation*, il-Pjattaforma għat-Tagħlim dwar il-Politika ta' Interreg Europe, Lille, 2024.

<sup>17</sup> De Noni, I., u Ganzaroli, A., *Enhancing the inventive capacity of European regions through interregional collaboration*, Studji Reġjonali, 2023; Balland, P. A., u Boschma, R., *Complementary interregional linkages and Smart Specialisation: An empirical study on European regions*, Studji Reġjonali, 2021.

## L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-prijoritajiet ta' innovazzjoni tal-politika industrijali tal-UE

**25** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, il-qafas strateġiku li jirfed l-investimenti ffinanzjati mill-FEŻR, hija biss waħda mill-inizjattivi li jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-programmi Orizzont tal-UE (Orizzont 2020, b'baġit ta' madwar EUR 79 biljun, u Orizzont Ewropa, b'baġit ta' madwar EUR 97 biljun) huma l-programmi ewlenin tal-UE għall-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn l-aħħar snin raw ukoll tiżi u żvilupp tal-politika industrijali tal-UE, li għandha wkoll rwol fix-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

**26** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija bbażata fuq approċċ minn isfel għal fuq, li jfisser li jsiru għażliet mill-awtoritajiet reġjonali, u jiġu involuti n-negozji, ir-riċerkaturi u l-komunitajiet lokali biex jiġu identifikati l-punti b'saħħithom u l-opportunitajiet tar-reġjun. Kull reġjun huwa kopert, u b'hekk tinholq varjetà kbira ta' profili ekonomiċi u ta' innovazzjoni. F'xi wħud minnhom, l-innovazzjoni mhux neċessarjament teħtieġ soluzzjonijiet ta' teknoloġija għolja. B'kuntrast ma' dan, il-programmi Orizzont huma bbażati l-aktar fuq approċċi minn fuq għal isfel fejn l-UE tistabbilixxi ċentralment il-prijoritajiet speċifiċi tagħha ta' riċerka u innovazzjoni u talloka finanzjament lilhom kif meħtieġ. Il-programmi Orizzont huma mmirati lejn riċerka mill-aktar avvanzata u lejn il-kisba tal-eċċellenza xjentifika, u l-infiq huwa kkonċentrat ħafna fir-reġjuni l-aktar żviluppati. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll diversi prijoritajiet industrijali permezz ta' strateġiji u miri speċifiċi, bħal dawk għall-mikroċipep, il-batteriji u l-idroġenu.

**27** Fil-kuntest tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tivverifika l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti legali. Madankollu, mhijiex responsabbli biex tivvaluta jew tinfluwenza l-għażliet magħmula mir-reġjuni f'termini tal-prijoritajiet li jagħżlu (il-paragrafu 06). Dan ifisser li ż-żewġ proċessi, id-definizzjoni minn isfel għal fuq tal-prijoritajiet reġjonali u t-twaqqif minn fuq għal isfel tal-miri u l-prijoritajiet tal-UE, it-tnejn li huma għandhom il-leġittimità u l-loġika tagħhom stess. Fil-biċċa l-kbira tagħhom jiffunzjonaw b'mod indipendenti, mingħajr ebda mekkaniżmu formali biex jirrikonċiljaw jew jallinjaw il-prijoritajiet.

**28** L-element tar-R&I tal-politiki industrijali tal-UE (bħal dawk dwar il-batteriji, l-idroġenu u s-semikondutturi) huwa xprunat ukoll mill-prijoritajiet tal-UE, u huwa ffinanzjat l-aktar permezz tal-programmi Orizzont. Fil-perjodu 2014–2020 kienu ġew previsti rabtiet mill-qrib bejn Orizzont 2020 u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bir-RDK jiddikjara li l-istrateġiji jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet għat-tnejn tal-atturi biex jipparteċipaw f'Orizzont 2020 ("skali tal-eċċellenza") u perkorsi biex jiġu sfruttati r-riżultati ta' Orizzont fis-suq.

**29** Il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tas-sinerġiji f'[Avviż tal-Kummissjoni 2022](#). Dan wera wkoll sinerġiji potenzjali bejn l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-Orizzont. Fost għażliet oħra, dan kien jinkludi l-possibbiltà li l-awtoritajiet manġerjali jittrasferixxu l-fondi tal-FEŻR lil Orizzont, biex jipparteċipaw fih proġetti li kieku ma kinux jintgħażlu. Proġetti li jissodisfaw il-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tqiesu partikolarment adatti għal dan.

**30** Il-[2021 Commission study analysing key parameters of smart specialisation strategies](#) sab livell għoli ta' koerenza tematika bejn l-istrateġiji u l-proġetti ta' Orizzont 2020. B'mod ġenerali, 64 % tal-proġetti Orizzont 2020 li ġew analizzati jistgħu jiġu konnessi ma' oqsma ta' prijorità tal-istrateġija rispettiva. Madankollu, kif innutat fid-[9 rapport dwar il-koeżjoni fl-2024](#), hemm diffikultajiet legali u prattiċi fil-bini ta' sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-FEŻR. Filwaqt li r-rapport ma jellaborax dwar dawn l-isfidi, ir-[Rapport Speċjali 23/2022](#) tagħna dwar is-sinerġiji bejn Orizzont u l-fondi ta' koeżjoni identifika diffikultajiet speċifiċi, inklużi dawk relatati mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-ispejjeż eliġibbli u l-proċeduri tal-għażla.

## L-involviment tal-partijiet ikkonċernati: il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali

**31** L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija fundamentalment dwar ir-reġjuni li jistabbilixxu prijoritajiet għall-investiment. Il-prijoritajiet jenħtieġ li jintgħażlu bi proċess li *jibbaża fuq l-intelliġenza kollettiva tan-negozji, l-universitajiet, il-korpi governattivi u atturi territorjali ewlenin oħra*<sup>18</sup>. Dan ġie msejjaħ il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali.

### Il-prinċipji tal-iskoperta intraprenditorjali

**32** Sa mill-bidu tal-*gwida S3 tal-Kummissjoni tal-2012*, ir-reġjuni ngħataw struzzjonijiet biex jidentifikaw il-prijoritajiet ta' investiment permezz tal-proċess ta' skoperta intraprenditorjali. Dan il-proċess huwa maħsub biex ikun ibbażat fuq l-evidenza, u biex ilaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati ewlenin ħalli jirriflettu dwar il-punti b'saħħithom tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' reġjun. L-għan tal-proċess huwa li jagħti sinteżi tal-għarfien mix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija, u jorbtu mal-ħtiġijiet u r-realtajiet tas-suq, bħall-potenzjal ta' tkabbir, il-kompetizzjoni tan-negozju u attivitajiet ġodda<sup>19</sup>.

<sup>18</sup> Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, *Assessing Smart Specialisation: The Entrepreneurial Discovery Process*, 2021.

<sup>19</sup> Foray, D., David, P. A., u Hall, B. H. (2011), *Smart Specialisation: From academic idea to political instrument, the surprising career of a concept and the difficulties involved in its implementation*, MTEI Working Paper No. 2011-001, École Polytechnique Fédérale de Lausanne.


**33** L-għarfien relatat huwa mifruq b'mod wiesgħa fost partijiet ikkonċernati differenti. Il-proċess huwa maħsub biex jippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu aħjar ir-reġjun tagħhom stess. Għandu jkun il-punt fejn jinteraġġixxu r-rappreżentanti mill-gvern, l-industrija, l-akkademja u l-komunità (il-[Figura 2](#)). Fl-ippjanar tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti dan jissejjaħ “spiral kwadru”<sup>20</sup>. Il-gvernijiet reġjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fit-tmexxija ta' dan id-djalogu, fl-analiżi tar-riżultati u fir-riflessjoni tal-impatt ta' dawn l-eżiti fuq l-istrateġiji tagħhom. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet intermedjarji (eż. l-aġenziji tal-innovazzjoni, ir-raggruppamenti<sup>21</sup>, in-networks tan-negozju u ċ-ċentri ta' appoġġ għan-negozji) jaġixxu bħala pont bejn il-partijiet ikkonċernati differenti, bħan-negozji, ir-riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politika.

---

<sup>20</sup> *Guide to Research and Innovation Strategies for smart specialisation (RIS 3)*, il-Kummissjoni Ewropea, 2012.

<sup>21</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Cassingena Harper, J., Lubicka, B., Lindqvist, G., Ketels, C. et al., *The role of clusters in smart specialisation strategies*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013.

**Figura 2 — Impenn tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' skoperta intraprenditorjali**



Sors: il-QEA, mill-pubblikazzjoni ta' Ċentru Konġunt tar-Riċerka *Assessing Smart Specialisation: The Entrepreneurial Discovery Proċess*, 2021.

**34** Sa mill-ħolqien tiegħu, il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali kien suġġett għal riċerka akkademika konsiderevoli. Il- [Gwida S3 tal-Kummissjoni \(2012\)](#) u l-[gwida ta' implimentazzjoni \(2016\)](#) jipprovdu prinċipji kunċettwali u linji gwida dwar is-suġġett. Madankollu għad hemm ambigwi<sup>22</sup> kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika f'termini ta' kif il-proċess jenħtieġ li jadatta għal reġjuni li għandhom profili ekonomiċi u ta' innovazzjoni differenti (ara l-paragrafu [02](#)), kif jinżammu l-involvement tal-partijiet ikkonċernati maż-żmien, il-mekkaniżmi u l-istrumenti (eż. l-utilità tal-gruppi tematiċi fl-iffaċilitar ta' diskussjonijiet dettaljati) u l-kapaċitajiet adegwati (eż. kif jingħeleb in-nuqqas ta' ħiliet tal-partijiet ikkonċernati).

## Il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali fil-prattika

**35** Ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-proċess ta' skoperta intraprenditorjali, li jfisser li jiġi applikat b'mod differenti fost ir-reġjuni u l-Istati Membri. Madankollu, żewġ sħarriġiet tal-JRC tal-awtoritajiet reġjonali responsabbli għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (fl- [2017](#) u fl-[2021](#)), żvelaw xi karatteristiċi komuni:

- o fil-prattika, spiss isir b'ħala "spiral triplu" aktar milli b'ħala "spiral kwadruplu", bl-element "komunitarju" (b'has-soċjetà ċivili) jitħalla barra. Permezz tal-[Committee of the Regions study \(2023\)](#) ġie konkluż ukoll illi l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'dawn il-proċessi hija estremament rari;
- o fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija kienu involuti ħafna fil-proċess tar-reġjun tagħhom.

**36** Ir-riċerka turi li, tal-anqas għall-perjodu 2014–2020, il-proċess spiss jieqaf ladarba l-istrateġija tkun tfasslet, aktar milli jkompli b'ħala forum potenzjalment utli<sup>23</sup>. L-eżempju ta' hawn taħt (il-[Kaxxa 2](#)) juri l-isfida biex jinżammu d-djalogu u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati matul il-ħajja tal-istrateġija.

<sup>22</sup> Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, *Assessing Smart Specialisation: The Entrepreneurial Discovery Process*, 2021.

<sup>23</sup> *Ibid.*

## Kaxxa 2

### Evoluzzjoni tal-proċess ta' skoperta intraprenditorjali f'reġjun ta' innovazzjoni emerġenti

Matul it-tfassil tal-ewwel strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-2014 f'Extremadura fi Spanja, kien hemm approċċ proattiv ħafna għall-proċess ta' skoperta intraprenditorjali. Ġew mobilizzati għadd sinifikanti ta' parteċipanti (600). Il-partijiet ikkonċernati kienu motivati biex jikkontribwixxu minħabba l-aspettattiva li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tista' twassal għal żieda radikali fil-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fir-reġjun.

Matul l-implimentazzjoni ta' din l-ewwel strateġija (mill-2017 'il quddiem), il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati naqset. Biex jieħdu ħsieb il-proċess, l-awtoritajiet reġjonali ħolqu grupp ta' ħidma tematiku għal kull wieħed mill-ħames oqsma ta' prijorità tar-reġjun. Madankollu, il-gruppi ta' ħidma spiċċaw joperaw f'isolament, u ma ngħaqdux b'mod sistematiku biex jidentifikaw u joħolqu sinerġiji.

Biex itejjeb il-governanza tal-proċess u jindirizza dawn il-kwistjonijiet, ir-reġjun introduċa pjattaformi kollaborattivi miftuħa għall-użu matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

Sors: il-QEA, abbażi ta' żjara ta' rieżami f'Extremadura.


**37** Ir-riċerka tal-JRC sabet li l-istituzzjonijiet intermedjarji li jaġixxu bħala raggruppamenti jista' jkollhom effett pożittiv fuq il-livelli ta' parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati matul l-implimentazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti<sup>24</sup>. Iż-żjara tagħna fil-Bavarja (il-Ġermanja) ipprovdiet eżempju ta' dan. Bayern Innovativ GmbH, li hija aġenzija ffinanzjata mill-gvern, ilha tmexxi attivitajiet ta' raggruppament għar-reġjun mill-2006 'l hawn. Pereżempju, ir-raggruppament tal-enerġija (li jaqbel ma' wieħed mill-oqsma ta' prijorità tar-reġjun — il-**Figura 4**) jgħaqqad madwar 7 000 negozju u ta appoġġ lil madwar 2 300 proġett.

<sup>24</sup> Iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka, *Assessing Smart Specialisation: The Entrepreneurial Discovery Process*, 2021.

**38** Il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali ġie applikat b'mod wiesa' fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, b'77 % tat-total ta' 185 strateġija li użawh<sup>25</sup>. Fil-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti, il-koleġiżlaturi għamluh parti obbligatorja mill-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, billi introduċew kriterju ta' twettiq korrispondenti (it-**Tabella 2**).

**39** Minkejja l-applikazzjoni mifruq tiegħu fuq medda ta' ħafna snin, l-implimentazzjoni għadha ta' sfida. L-istħarriġ tagħna sab li 46 % tar-rispondenti sabu l-proċess impenjattiv “ħafna” jew “estremament” impenjattiv (il-**Figura 3**). Minn dawk, aktar minn żewġ terzi kienu reġjuni b'kapaċitajiet ta' innovazzjoni aktar baxxi, jiġifieri bi profili ta' innovazzjoni moderati jew emerġenti. Xi rispondenti f'reġjuni inqas popolati indikaw li jħossu li huma żgħar wisq biex jiżviluppaw u jimplimentaw proċess bħal dan b'mod effettiv. Huma jqisu li ma għandhomx kapaċità amministrattiva suffiċjenti biex janalizzaw u jimplimentaw il-proċess, u li r-rabtiet tagħhom mal-akkademja spiss huma dgħajfa. Xi wħud mir-rispondenti ddikjaraw li l-għadd baxx ta' intrapriżi, in-nuqqas ta' kumpaniji b'għarfien intensiv, u nuqqas ta' riżorsi, jagħmluha diffiċli biex dan jitmexxa b'mod sinifikattiv.

**Figura 3 — Madwar nofs ir-rispondenti, jsibu li l-proċess ta' skoperta intraprenditorjali huwa impenjattiv “ħafna” jew “estremament” impenjattiv**



Sors: stħarriġ imwettaq mill-QEA.

<sup>25</sup> *Study on prioritisation in Smart Specialisation Strategies in the EU*, Rapport finali, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, 2021.

**40** Madankollu, għalkemm ir-reġjuni jsibu li l-proċess ta' skoperta intraprenditorjali huwa kriterju impenjattiv biex jissodisfaw, iqisuh ta' beneficiċċju. [Rapport tekniku tal-JRC fl-2017](#) sab li kważi r-rispondenti kollha (97 %) ikkonfermaw li din kienet esperjenza pożittiva għalihom u maġġoranza kbira tal-parteċipanti (93 %) sabu li din kellha impatt pożittiv meta kienu qed jidentifikaw il-prijoritajiet għall-investimenti. Studju tal-Kumitat tar-Reġjuni fl-2023 ikkonkluda<sup>26</sup> li l-proċess kien wieħed mill-aktar fatturi deċiżivi għas-suċċess tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Huwa jiddikjara wkoll li meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, ir-reġjuni issa huma aktar konxji tal-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati bħall-industrija, l-istituzzjonijiet, ir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili.

## L-implimentazzjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tiggwida l-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni

**41** Strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti hija kundizzjoni biex wieħed jirċievi finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni mill-FEŻR. Dan il-finanzjament huwa sostanzjali billi jirrappreżenta aktar minn EUR 70 biljun matul iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni<sup>27</sup>. Skont il-Kummissjoni, il-finanzjament mill-FEŻR iggwidat mill-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għal żewġ perjodi ta' programmazzjoni 2014–2027 b'kollox huwa ta' EUR 73.8 biljun:

- Il-perjodu 2014–2020: Objettiv tematiku 1: Tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni: EUR 37.3 biljun;
- Il-perjodu 2021–2027: Objettiv ta' politika 1: Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta' trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti u konnettività tal-ICT reġjonali: €36.5 biljun.

<sup>26</sup> *The Future of Regional Smart Specialisation Strategies: Sustainable, Inclusive and Resilient*, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni; il-Kummissjoni għall-Politika Soċjali, l-Edukazzjoni, l-Impjieg, ir-Riċerka u l-Kultura, 2023, p. 94.

<sup>27</sup> [Open Data Portal for the European Structural and Investment Funds -European Commission | Cohesion Open Data.](#)

**42** Ir-Rapport Speċjali 2022 tagħna dwar is-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej enfasizza l-grad differenti ta' dipendenza tal-Istati Membri fuq il-finanzjament mill-FEŻR għar-riċerka u l-innovazzjoni. Pereżempju, fil-Latvja, il-finanzjament mill-FEŻR kien jammonta għal kważi 50 % tan-nefqa nazzjonali fuq ir-R&I, filwaqt li fil-Ġermanja, is-sehem kien ferm inqas minn 1 %. Id-9 rapport dwar il-koeżjoni jiddikjara li madwar 85 % tal-allokazzjoni finanzjarja globali għall-perjodu 2014–2020 kienet ikkonċentrata f'reġjuni inqas żviluppati u f'reġjuni fi tranżizzjoni, fejn spiss hija s-sors prinċipali ta' appoġġ għall-innovazzjoni. Madankollu, anke fejn il-fondi tal-FEŻR huma żgħar fil-kuntest reġjonali, l-awtoritajiet reġjonali sabu hom utli (il-**Kaxxa 3**).

### Kaxxa 3

#### L-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali f'reġjuni ta' innovazzjoni għolja għal proġetti sperimentali

Minkejja d-daqs relattivament żgħir tal-baġit tal-FEŻR meta mqabbel mal-flussi ta' finanzjament għall-innovazzjoni ġenerali f'dawn ir-reġjuni, l-awtoritajiet kemm fid-Danimarka (fejn is-sehem tal-finanzjament mill-FEŻR għar-riċerka u l-innovazzjoni kien jirrappreżenta madwar 0.15 % tal-infiq totali annwali għar-R&I fil-perjodu 2014–2020) kif ukoll f'Baden-Württemberg (0.09 %) sabu li l-fondi relatati mal-S3 kienu utli billi setgħu jintużaw fi proġetti pilota li ma kinux koperti mill-flussi ta' finanzjament tas-soltu fir-reġjun. Fil-laqgħat tagħna mal-awtoritajiet f'Baden-Württemberg, huma spjegaw li l-finanzjament tal-UE kien siewi, billi setgħu jidderiġu lejn proġetti aktar speċjalizzati jew sperimentali, li mhumie x koperti mill-flussi ta' finanzjament tas-soltu fir-reġjun.

Pereżempju f'Baden-Württemberg, proġett ewlieni “[Hydrogen Valley South Baden](#)” (proġett tal-FEŻR għall-perjodu 2021–2027), implimentat ma' sħab minn Alsace (Franza) u l-majjistral tal-Iżvizzera, jiffoka fuq l-applikazzjonijiet prattiċi ta' teknoloġija futura tal-idroġenu għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**43** Waħda mill-karatteristiċi tal-UE hija li r-reġjuni tagħha jvarjaw b'mod konsiderevoli f'termini tad-daqs tal-popolazzjoni jew tal-erja. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, thej jew 185 strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti madwar l-UE<sup>28</sup>. Fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2021–2027), aktar minn 170 strateġija huma inklużi fl-Osservatorju S3 (il-**Kaxxa 4**).

<sup>28</sup> *Study on prioritisation in Smart Specialisation Strategies in the EU*, Rapport finali, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, 2021.

## Kaxxa 4

### L-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jkopru reġjuni li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-daqs

Il-politika ta' koeżjoni tagħmel użu mis-sistema tal-“klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika” (NUTS), biex tipprovdi diżaggregazzjoni tal-Ewropa f'unitajiet reġjonali ta' daqs ġeneralment konsistenti. Il-finanzjament tal-FEŻR huwa pprovdut abbażi tal-istatus ekonomiku ta' reġjun fil-livell NUTS2, fejn ir-reġjuni ġeneralment ikollhom popolazzjoni ta' bejn 800 000 u 3 miljun. F'Jannar 2024, hemm 244 reġjun NUTS2 fl-UE.

Madankollu, dan l-istandard mhux dejjem jiġi applikat meta jiġu stabbiliti r-reġjuni li għalihom jenħtieġ li tiġi prodotta strateġija. Fil-fatt, ma hemm l-ebda linja gwida dwar id-daqs reġjonali xieraq għal dawn l-iskopijiet. L-istrateġiji huma tipikament marbuta mal-kopertura territorjali tal-programmi tal-FEŻR relatati li jappoġġaw l-investimenti taħt l-oġettivi speċifiċi 1.1 u 1.4. L-istrateġiji jiġu applikati għal territorji li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-daqs. Isiru diversi strateġiji fil-livell nazzjonali, inkluż għaċ-Ċekja, b'popolazzjoni ta' aktar minn 10 miljun. Xi drabi jiġu deċiżi strateġiji oħra fil-livell ta' reġjuni żgħar ħafna, bħal Gotland<sup>29</sup> (l-Iżvezja), b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 60 000. F'xi każijiet, l-Istati Membri għandhom strateġiji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali (eż. il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija).

Filwaqt li xi reġjuni żammew l-approċċ inizjali tagħhom, oħrajn biddlu l-livell tat-tfassil tagħhom bejn il-perjodi ta' programmazzjoni. Pereżempju, l-awtoritajiet Daniżi qalulna li kienu mexxew ir-responsabbiltà għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti mir-reġjuni għal korp nazzjonali (*Erhvervsfremmebestyrelse*). Ir-raġuni hija li r-reġjuni fil-biċċa l-kbira għażlu li jispeċjalizzaw fl-istess priyoritajiet, u dan wassal għal duplikazzjoni. B'kuntrast ma' dan, pajjiżi Nordiċi oħra (il-Finlandja (18-il strateġija) u l-Iżvezja (21 strateġija) komplew iżommu approċċ immexxi reġjonalment.

Sors: il-QEA, abbażi tal-intervisti u tal-informazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea.

**44** Ir-RDK 2014–2020 iddikjara li l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għandhom l-għan li *jikkonċentraw ir-riżorsi fuq sett limitat ta' priyoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni*. Konsegwentement, l-awtoritajiet kompetenti kellhom jiddefinixxu l-oqsma ta' priyorità għall-ispeċjalizzazzjoni fl-istrateġiji korrispondenti tagħhom. L-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi ta' implimentazzjoni mbagħad misshom raw li l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni żgur kien jiffoka fuq dawn il-priyoritajiet.

<sup>29</sup> Strategi för smart specialisering i Gotlands län 2021-2027, 2021.

**45** L-għadd ta' prijoritajiet u l-livell ta' dettall involut ivarja bejn ir-reġjuni. Għall-perjodu 2014–2020, ir-reġjuni għażlu bejn 2 u 15-il prijorità, u l-medjan huwa ta' 5<sup>30</sup>. Madankollu, ir-reġjuni jistgħu jiżviluppaw sottoprijoritajiet, li jfisser li l-għadd ta' oqsma koperti jista' jkun ferm ogħla. Dan jidher mill-istrateġija ta' innovazzjoni reġjonali tal-Bavarja, il-Ġermanja, li fiha 5 prijoritajiet huma maqsuma fi 25 qasam tat-tieni livell (il-*Figura 4*). Uħud mis-sottooqsma taħt l-istess prijorità (eż. it-teknoloġija ajruspazjali u l-infrastruttura għall-mobbiltà futura) ikopru oqsma differenti ħafna, li huma sinifikanti biżżejjed biex jiġu ttrattati bħala prijoritajiet separati.

---

<sup>30</sup> *Study on prioritisation in Smart Specialisation Strategies in the EU*, Rapport finali, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, 2021.

**Figura 4 — Ħames oqsma priyoritarji ta' speċjalizzazzjoni għall-Bavarja (il-Ġermanja) għall-perjodu 2021–2027 b'għadd kbir ta' suġġetti u applikazzjonijiet relatati**



© Innovationsland.Bayern – Bayerische Innovationsstrategie 2021-2027, Bavarian Ministry of Economic Affairs, Regional Development and Energy.

**46** Ir-riskju ta' priyoritajiet wesgħin iżżejjed, li jwassal għal finanzjament mifrux b'nuqqas ta' objettivi ċari<sup>31</sup>, ilu li ġie indikat sa mill-2013 (il-paragrafu 18). Oqsma ta' priyorità wiesgħa, bħall-“enerġija”, proġetti mifruxa u skonnessi li jipproduċu riskju b'sinerġiji limitati, effetti konsegwenzjali, jew massa kritika. B'kuntrast ma' dan, qasam

<sup>31</sup> Gianelle, C., Guzzo, F. u Mieszkowski, K.; *Smart Specialisation: what gets lost in translation from concept to practice?*, Studji Reġjonali, 2020.

ta' prijorità definit b'mod aktar strett, b'hal "sistemi tal-ħżin tal-enerġija", jaf itejjeb il-fokus u l-effettività tal-finanzjament.

**47** Madankollu, kif identifikat ir-riċerka<sup>32</sup>, prijoritajiet limitati żżejjed iġibu magħhom ukoll żvantaġġi, b'hat-tnaqqis tal-għadd potenzjali ta' parteċipanti (jiġifieri reġjun jiddeċiedi li jiffoka biss fuq għadd żgħir ta' kumpaniji li diġà rnexxew). Fiż-żewġ xenarji (jiġifieri prijoritajiet wesgħin wisq jew ristretti wisq), l-eżitu huwa li l-użu tal-vantaġġi ekonomiċi ta' reġjun bl-aħjar mod huwa diffiċli biex jinkiseb.

**48** Il-Kummissjoni integrat l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-politika ta' koeżjoni sabiex tallinja b'mod aktar effettiv il-finanzjament u l-proġetti mal-istrutturi ekonomiċi reġjonali u l-punti b'saħħithom potenzjali tagħhom. Għalhekk, l-allinjament bejn is-sejthiet għal proposti u l-oqsma ta' prijorità huwa kruċjali biex il-proġetti żgur jappoġġaw l-oġettivi tal-innovazzjoni reġjonali<sup>33</sup>.


**49** Studju tal-2021 ikkuntrattat mill-Kummissjoni dwar il-prijoritizzazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti sab li għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, 84 % tas-sejthiet għal proposti tal-Oġettiv Tematiku 1 tal-FEŻR "It-tisħiħ tar-R&I" fl-Istati Membri jew fir-reġjuni kienu jinkludu kriterji għall-allinjament mal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti<sup>34</sup>. Dan ifisser li f'16 % tas-sejthiet miġbura, ma nstab l-ebda kriterju speċifiku b'hal dan. Dan juri li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti mhux dejjem kienet riflessa fit-tnejn u l-implimentazzjoni tas-sejthiet. L-istudju sab ukoll rabtiet ma' prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'57 % tal-proġetti ffinanzjati mill-FEŻR, b'varjazzjoni sinifikanti fost l-Istati Membri u r-reġjuni. Minn aktar minn 86 000 proġett, 57 % jidhru li huma allinjati mal-prijoritajiet korrispondenti abbażi ta' tiftixa ta' kelma ewlenija. F'termini tal-baġit tar-R&I, l-akbar tliet setturi, is-settur agroalimentari u l-bijoeconomija, is-saħħa u x-xjenza tal-ħajja, u l-ICT u l-industrija, jammontaw għal madwar 50 % tad-EUR 19-il biljun ta' finanzjament (il-**Figura 5**).

<sup>32</sup> Foray, D., *In response to 'Six critical questions about smart specialisation'*, European Planning Studies, 27(10), 2066-2078, 2019.

<sup>33</sup> *Study on prioritisation in smart specialisation strategies in the EU, Final report*, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, 2021.

<sup>34</sup> *Ibid.*

**Figura 5 — Oqsma tematiċi ġenerali u baġit li ntefaq fuq proġetti tal-FEŻR għall-perjodu 2014–2020, f'miljun EUR**



*Nota:* Dawn iċ-ċifri mhumiex finali peress li l-istudju twettaq fl-2021 filwaqt li r-reġjuni kienu għadhom qed jimplimentaw il-proġetti.

**50** Aħna rrieżaminajna erba' proġetti ffinanzjati mill-FEŻR (l-*Annex III*) mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 taħt l-oġġettiv tematiku 1 fil-Bavarja (il-Ġermanja) u f'Extremadura (Spanja). Ir-rieżaminar li wettaqna juri li dawn is-sejthiet reġjonali għal proposti kienu allinjati mal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħhom. Fil-Bavarja, il-proġetti rieżaminati ffukaw fuq teknoloġiji ta' produzzjoni effiċjenti kif ukoll servizzi innovattivi bbażati fuq it-teknoloġija, filwaqt li f'Extremadura, l-enfasi kienet fuq il-qasam prijoritarju agroalimentari.

**51** Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, kundizzjoni abilitanti saħħet il-ħtieġa ta' konformità mal-prijoritajiet. L-awtoritajiet maniġerjali kienu meħtieġa jaraw li l-proġetti żgur kienu *"konsistenti mal-istrateġiji u mad-dokumenti tal-ippjanar korrispondenti stabbiliti għat-twettiq ta' dik il-kundizzjoni abilitanti"*<sup>35</sup>. F'Mejju 2025, ma kien hemm l-ebda studju li janalizza jekk hemmx allinjament akbar bejn il-proġetti u l-prijoritajiet fil-perjodu 2021–2027.

## Kollaborazzjoni interreġjonali fil-kuntast tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti

**52** Stabbilita mill-Kummissjoni, il-komunità ta' prattika ta' speċjalizzazzjoni *intelliġenti* (S3 CoP) isservi bħala ċentru għall-gwida, in-networking, l-appoġġ, u t-tagħlim bejn il-pari dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, b'enfasi kemm fuq l-iżvilupp tagħha kif ukoll fuq l-implimentazzjoni tagħha. Il-komunità toffri servizzi strateġiċi mfassla għall-ħtiġijiet tal-prattikanti. Bħala parti minn din il-komunità, l-Osservatorju S3 CoP huwa pjattaforma ġdida mfassla biex issaħħaħ il-kooperazzjoni interreġjonali. Huwa jaġixxi bħala repożitorju ċentrali għal informazzjoni relatata mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fl-UE. B'hekk l-utenti jistgħu jqabblu oqsma ta' speċjalizzazzjoni, jaċċessaw kuntatti ewlenin, u jesploraw rabtiet strateġiċi ma' reġjuni oħra.

**53** Fl-istħarriġ tagħna, żewġ terzi tar-rispondenti rappurtaw li jużaw il-pjattaforma tal-Osservatorju COP S3, filwaqt li terz indikaw li ma jużawhiex. Hija titqies b'mod pożittiv fost l-utenti, bi 80 % jaqblu li tipprovdi informazzjoni siewja dwar il-prijoritajiet u l-prattiki ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'reġjuni u fi Stati Membri oħra tal-UE, u li toffri possibbiltajiet għal kollaborazzjoni potenzjali.

<sup>35</sup> L-Artikolu 73(2)(b) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

**54** Mill-2015'il hawn, il-Kummissjoni Ewropea nediet erba' **pjattaformi tematiċi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**: agroalimentari, enerġija, modernizzazzjoni industrijali, u ekonomija blu sostenibbli (jiġifieri l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-oċeani għat-tkabbir ekonomiku filwaqt li tiġi ppreservata s-saħħa tal-ekosistema tal-oċeani). Dawn il-pjattaformi fihom sħubijiet, li huma networks ta' reġjuni stabbiliti biex jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni interreġjonali f'qasam partikolari. Pereżempju, il-pjattaforma għall-modernizzazzjoni industrijali tinkludi sħubijiet għat-teknoloġiji spazjali u mediċi. Madankollu, il-pjattaformi jew is-sħubijiet ma jkoprux kull prijorità possibbli, anke dawk li jintgħażlu ta' spiss mir-reġjuni (il-**Kaxxa 5**) eż. fis-saħħa u fix-xjenza tal-ħajja.

### Kaxxa 5

#### L-ebda pjattaforma tematika jew sħubija għall-prijorità tas-saħħa u x-xjenza tal-ħajja

Filwaqt li l-pjattaformi tematiċi jkopru l-oqsma prinċipali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tieni l-akbar wieħed, is-saħħa u x-xjenza tal-ħajja (il-**Figura 5**) ma għandux pjattaforma speċifika. L-awtoritajiet f'Stokkolma ddikjaraw li kellhom diffikultà biex isibu sħab interreġjonali rilevanti minkejja li għandhom **industrija mdaqqsqa f'dan is-settur**. Pereżempju, ir-reġjun għandu għadd ta' kumpaniji farmaċewtiċi u l-Isptar Universitarju ta' Karolinska huwa l-istituzzjoni Ewropea tal-kura tas-saħħa bl-ogħla klassifikazzjoni.

Sors: il-QEA, abbażi ta' intervista.

**55** Il-Kummissjoni nediet ukoll inizjattivi speċifiċi biex issaħħaħ il-kooperazzjoni interreġjonali:

- Taħt il-FEŻR, l-**Istrument Interreġjonali għall-Investimenti fl-Innovazzjoni** jappoġġa proġetti ta' innovazzjoni interreġjonali fil-fażijiet ta' espansjoni u kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Dan jgħin biex jingħelbu l-ostakli regolatorji u tas-suq, u jwassal lill-proġetti għal-livell ta' investiment. Għandu baġit ta' EUR 570 miljun f'finanzjament għall-perjodu 2021–2027.
- L-oġettiv primarju tal-**Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali** huwa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u titrawwem l-eċċellenza billi r-reġjuni jiġu konnessi flimkien permezz ta' livelli differenti ta' innovazzjoni. Sal-lum, intgħażlu 148 reġjun għat-tikketa widien tal-innovazzjoni reġjonali, li jibbenefikaw minn EUR 122 miljun f'finanzjament taħt Orizzont Ewropa u l-FEŻR permezz tal-istrument għall-investiment interreġjonali fl-innovazzjoni.

**56** Fi ħdan il-FEŻR, [Interreg](#), sensiela ta' programmi ta' finanzjament tal-UE li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, hija marbuta mill-qrib mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalkemm il-kundizzjoni abilitanti tematika dwar *“governanza tajba tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti nazzjonali jew reġjonali”* ma tapplikax għall-finanzjament Interreg, l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija element importanti biex tiġi massimizzata l-effettività tal-kooperazzjoni transfruntiera u interreġjonali. Aħna eżaminajna proġett Interreg wieħed f'kull reġjun li żorna, u t-tnejn li huma wrew allinjament mal-istrateġiji rispettivi. Min-naħa l-oħra, xi proġetti Interreg huma ddedikati biex jgħinu lir-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġija, kif ukoll jipprovdu finanzjament għal din il-kooperazzjoni permezz ta' pjattaformi tematiċi.

**57** Il-kollaborazzjoni interreġjonali tista' tittejjeb aktar permezz ta' programmi reġjonali (jew nazzjonali), u tiġi ffaċilitata billi l-fondi tal-FEŻR jitħallew espliċitament<sup>36</sup> jiġu allokat i parzjalment barra miż-żoni deżinjati tal-programm. Madankollu, ir-reġjuni normalment ma jiħdux vantaġġ minn din l-għażla fil-programmi reġjonali tagħhom<sup>37</sup>. Iż-żewġ reġjuni li żorna ma użawx din il-flessibbiltà fl-ebda perjodu ta' programmazzjoni.

**58** Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-kollaborazzjoni interreġjonali kienet periferali għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni ma kinux rekwiżit ta' politika strutturata. Studju sab li r-reġjuni Ewropej ma kinux qed jużaw biżżejjed il-potenzjal tagħhom għal kollaborazzjoni interreġjonali effettiva, u dan ħalla opportunitajiet sinifikanti mhux sfruttati<sup>38</sup>.

**59** Il-perjodu 2021–2027 għolla l-kollaborazzjoni interreġjonali għal prijorità strateġika. Bħala wieħed mill-kriterji ta' twettiq (it-[Tabella 2](#)), l-istrateġiji issa huma meħtieġa jinkludu miżuri għat-tiġi tal-kollaborazzjoni interreġjonali f'oqsma ta' prijorità deżinjati<sup>39</sup>.

<sup>36</sup> L-Artikolu 70(2) tar-[RDK 2014–2020](#) u l-Artikolu 63(4) tar-[RDK 2021–2027](#).


<sup>37</sup> Woolford, J., Amanatidou, E., Gerussi, E. u Boden, J.M., *Interregional Cooperation and Smart Specialisation: a Lagging Regions Perspective*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

<sup>38</sup> Bachtrögler-Unger, J., Balland, P.-A., Boschma, R., u Schwab, T., *Technological capabilities and the twin transition in Europe: Opportunities for regional collaboration and economic cohesion*, Bertelsmann Stiftung, Berlin, 2023.

<sup>39</sup> L-Anness IV tar-[Regolament \(UE\) 2021/1060](#).

**60** L-istħarriġ tagħna kien jinkludi mistoqsijiet dwar id-diffikultà perċepita biex jintlaħaq dan il-kriterju ta' twettiq. Ir-risultati żvelaw li kważi nofs ir-rispondenti jsibuha diffiċli (il-[Figura 6](#)).


**Figura 6 — It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni interreġjonali huwa meqjus bħala impenjattiv**



Sors: stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**61** Total ta' 87 % tar-rispondenti għall-istħarriġ tagħna rrapportaw li huma jinvolvu ruħhom f'xi tip ta' kollaborazzjoni interreġjonali (il-[Figura 7](#)), bl-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti bħala l-aktar qasam dominanti. Matul iż-żjara tagħna fil-Bavarja, il-tqajna ma' eżempju ta' din il-prattika (il-[Kaxxa 6](#)). Oqsma oħra ta' kooperazzjoni, għalkemm sa livell inqas, kienu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u t-tfassil tal-istrateġija.

**Figura 7 — L-implimentazzjoni tal-proġetti hija l-aktar forma komuni ta' kollaborazzjoni interreġjonali**



Ir-rispondenti setgħu jagħżlu aktar minn tnejn waħda.

Sors: stħarriġ imwettaq mill-QEA.

## Kaxxa 6

### Eżempju ta' kooperazzjoni fl-implimentazzjoni: proġett fil-Bavarja u fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Awstrija

Kofinanzjat mill-Programm Bavarja/Awstrija-Ġermanja INTERREG V-A għall-perjodu 2014–2020, il-proġett CompStor ippermetta lil żewġ universitajiet jikkombinaw l-għarfien espert komplementari tagħhom fil-ħżin tal-enerġija u fis-sistemi ta' vultaġġ għoli/kurrent għoli. It-tnejn li huma bbenefikaw mill-akkwist ta' infrastruttura addizzjonali u issa jaqdu lill-istudenti, lir-riċerkaturi u lill-SMEs.


Output dirett tal-proġett kien l-iżvilupp ta' prototip ta' batterija li taħżen 10 000 V. Ir-riċerka li għaddejja bħalissa qed tinvestiga l-effetti ta' oqsma elettromanjetiċi b'saħħithom fuq iċ-ċelloli tal-batteriji b'vultaġġ għoli.

Fit-tagħlim, iż-żewġ universitajiet flimkien jiżviluppaw u jipprovdu seminars dwar it-teknoloġija tal-batteriji, l-integrazzjoni tal-grilja u l-protezzjoni tas-sistemi tal-ħżin, u l-aċċertament tal-kwalità tal-manifattura. Skont l-istimi, madwar 30 eks impjegat tal-proġett CompStor (inklużi dawk minn proġetti sussegwenti) u diversi studenti sabu impjeg f'kumpaniji rilevanti fir-reġjun tal-fruntiera.

Sors: il-QEA, abbażi ta' żjara ta' proġett.

**62** Maġġoranza sostanzjali tar-rispondenti għall-istħarriġ tagħna jaqblu li r-rabti interreġjonali kkontribwew għas-suċċess tal-istrateġiji tagħhom (il-**Figura 8**). L-analiżi tal-istħarriġ tagħna turi li meta jitqassmu skont il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tar-reġjuni, il-benefiċċji perċepiti tal-kollaborazzjoni interreġjonali huma aktar evidenti fost ir-reġjuni inqas innovattivi milli fil-kontropartijiet aktar innovattivi tagħhom.

**Figura 8 — Konnessjonijiet interreġjonali jitqiesu li jkkontribwixxu għas-suċċess ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**



Sors: stħarriġ imwettaq mill-QEA.

## Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-impatt

**63** Fil-każ ta' kwalunkwe politika, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma kruċjali għall-fehim (tar-risultati u) l-impatt u għat-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tal-programm. Fil-livell tal-UE, id-DĠ REGIO għandu r-responsabbiltà ġenerali għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u *ex post* tal-infiq tal-FEŻR, filwaqt li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet maniġerjali jwettqu evalwazzjonijiet fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Il-monitoraġġ kien kriterju ta' twettiq tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għar-reġjuni fiż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni, filwaqt li r-rekwiżit għall-evalwazzjoni ġie introdott għall-perjodu 2021–2027. Fil-prattika, għall-monitoraġġ huma responsabbli l-kumitati ta' monitoraġġ stabbiliti mill-Istati Membri u li jirrappreżentaw lill-partijiet rilevanti<sup>40</sup>.

### Approċċ ta' monitoraġġ għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali

**64** Diġà fil-perjodu 2014–2020, il-monitoraġġ kien wieħed mit-tliet kriterji ta' twettiq ("*S3 fih mekkaniżmu ta' monitoraġġ*") għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar kif dan għandu jiġi implimentat (il-**Kaxxa 7**). FI-2017, il-Kummissjoni nnutat li f'xi reġjuni n-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ kien waħda mir-raġunijiet prinċipali għad-diffikultajiet tagħhom biex jissodisfaw il-kundizzjonalità *ex ante*<sup>41</sup>.

<sup>40</sup> L-Artikoli 38-40 u l-premessa 35 tar- **Regolament (UE) 2021/1060**.

<sup>41</sup> **SWD(2017) 264**, pp. 16 u 32.

## Kaxxa 7

### L-evoluzzjoni tal-gwida għall-monitoraġġ tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għall-perjodu 2014–2020

L-ewwel dokument ta' gwida fl-2012 kien ippropona sistema ta' monitoraġġ ibbażata fuq tliet tipi ta' indikaturi: kuntest, riżultat u output. Dawn kellhom ikunu strettament neċessarji iżda komprensivi.

Fl-2014, il-Kummissjoni ppubblikat [Dokument ta' Gwida dwar il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni għall-Perjodu ta' Programmazzjoni 2014–2020](#) Hija enfasizzat artikolazzjoni aktar ċara tal-oġettivi tal-politika, biex ikun hemm fokus fuq l-implimentazzjoni ta' politika orjentata lejn ir-riżultati (mingħajr fokus eċċessiv fuq l-assorbiment tal-fondi), u biex issir distinzjoni bejn il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Hija ppromwoviet approċċ każ b'każ, u ddikjarat li ma hemmx "l-aħjar" metodu għal kull sitwazzjoni.

Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat [manwal ta' implimentazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti](#). Il-kapitolu dwar il-monitoraġġ jinkludi erba' eżempji reġjonali ta' kif twettaq il-monitoraġġ.

Sors: il-QEA.

**65** Għall-perjodu 2021–2027, il-monitoraġġ baqa' kriterju ta' twettiq, iżda b'rekwiżiti addizzjonali li stabbilew li l-għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kellhom ikejlu l-prestazzjoni lejn l-ilħuq tal-oġettivi tal-istrateġija. Madankollu, il-Kummissjoni ma haġget l-ebda gwida ġdida relatata ma' dawn l-arranġamenti l-ġodda.

**66** Fl-2021, il-JRC ippubblika [Assessing Smart Specialisation: Monitoring and Evaluation Systems](#), *fejn qal li l-effettività tal-attivitajiet ta' monitoraġġ jeħtieġ li tissaħħaħ f'haġna każijiet*, u ppreżenta kriterji għall-ilħuq ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Madankollu, id-dokument ma pprovda l-ebda gwida tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.


**67** It-tweġibiet li rċevejna għall-istħarriġ tagħna jissuġġerixxu li l-utenti huma lesti jilqgħu gwida mtejbja tal-Kummissjoni. Ir-rispondenti semmew l-isfidi li ġejjin:

- il-komplessità tas-sistemi eżistenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni; b'seġhiet għal linji gwida aktar ċari u oqfsa standardizzati;
- id-diffikultà fl-għażla ta' indikaturi xierqa u l-kejl tal-effetti soċjoekonomiċi għal żmien twil.

## Monitoraġġ u evalwazzjoni fil-prattika

**68** Mis-seba' kriterji ta' twettiq (il-[Figura 9](#) u t-[Tabella 2](#)), ir-rispondenti indikaw li l-konformità mal-kriterju ta' monitoraġġ u evalwazzjoni hija l-aktar diffiċli. Madwar nofs ir-rispondenti (52 %) sabuha estremament impenjattiva jew impenjattiva ħafna (il-[Figura 9](#)). B'hal fil-każ tal-proċess ta' skoperta intraprenditorjali, ir-reġjuni inqas innovattivi jsibu li -monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma aktar impenjattivi minn dawk bi profili ta' innovazzjoni aktar b'saħħithom.

**Figura 9 — Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni jitqiesu b'hal impenjattivi**



Sors: stħarriġ imwettaq mill-QEA.

**69** Is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tar-reġjuni jvarjaw b'mod sinifikanti f'termini ta' sofistikazzjoni. Xi reġjuni li l-ewwel stabbilew sistemi kumplessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, sussegwentement issimplifikawhom (il-[Kaxxa 8](#)).

## Kaxxa 8

### Differenzi fis-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fl-Emilia-Romagna (l-Italja) u fiċ-Ċekja

Għall-perjodu 2014–2020, l-Emilia-Romagna kellha sistema komprensiva ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'81 indikatur. Għall-perjodu 2021–2027 biddlu l-approċċ tagħhom, mill-kejl tal-prestazzjoni ġenerali, għat-traċċar u l-immappjar ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, u naqqsu l-għadd ta' indikaturi għal tmienja. Il-bażi ta' data tal-pjattaforma tagħhom kienet tinkludi aktar minn 6 900 proġett ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati matul il-perjodu 2021-2027 (u 11 000 b'mod ġenerali).

B'kuntrast ma' dan, iċ-Ċekja, li tgħodd bħala reġjun wieħed għal skopijiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, żammet sistema estensiva ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'aktar minn 100 indikatur.

**70** Jekk reġjun jitlob hekk, id-DĠ REGIO u s-segretarjat tal-komunità tal-prattika tal-S3 jistgħu jipprovdu pariri u appoġġ immirati biex jgħinu lir-reġjun itejjeb is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tiegħu (il-[Kaxxa 9](#)). F'Mejju 2025, kienu ġew irreġistrati madwar 30 [talba](#).

## Kaxxa 9

### Il-Kummissjoni tipprovd i appoġġ immirat għas-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

#### Päijät-Häme (il-Finlandja)

Għalkemm ir-reġjun ta' Päijät-Häme huwa kklassifikat bħala innovatur b'saħħtu, ma kellux sistema ta' monitoraġġ żviluppata sew. Ir-reġjun uża indikaturi ta' monitoraġġ tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti li ma kinux marbuta direttament mal-oġettivi sottostanti, u sab diffikultajiet relatati mal-aċċessibbiltà tad-*data*, mas-sorsi tad-*data* skaduti, u ma' problemi oħra ta' għbir tad-*data*.

Wara l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ġew ippjanati żewġ bidliet f'Settembru 2024: l-ewwel nett, li l-monitoraġġ jiġi ssimplifikat billi jiġu definiti b'mod ċar is-sidien tal-proċess; u t-tieni, li jintużaw indikaturi definiti b'mod ċar. Filwaqt li sar progress fis-simplifikazzjoni tal-proċessi bit-twaqqif ta' gruppi fokali bi prijetajiet speċifiċi, f'Mejju 2025, l-indikaturi għad iridu jiġu ffinalizzati.


#### L-Ungerija

Wara appoġġ immirat fl-Ungerija, kien hemm suġġeriment biex tittejjeb is-sistema tal-indikaturi billi tiġi riflessa aħjar id-dimensjoni interreġjonali, u tiġi allinjata aħjar mas-sistema ta' indikaturi mis-sorsi ta' finanzjament rilevanti. Barra minn hekk, saret rakkomandazzjoni biex tiġi żviluppata għodda diġitali li ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-puntwalità tad-*data*.

## Evalwazzjoni fil-livell reġjonali

**71** L-istħarriġ tagħna enfasizza differenzi fir-rigward tal-evalwazzjoni fil-livell reġjonali. Il-maġġoranza (78 %) tar-rispondenti indikaw li wettqu evalwazzjoni tal-impatt tal-istrateġiji tagħhom, għalkemm b'regolarità differenti (il-**Figura 10**). Aktar minn 90 % tar-reġjuni ewlenin tal-innovazzjoni wettqu evalwazzjonijiet tal-impatt, filwaqt li madwar 70 % biss tar-reġjuni b'innovazzjoni emerġenti għamlu dan.

**Figura 10 — Wieħed minn kull ħames risponenti jevalwa l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti mill-inqas darba fis-sena**



Sors: sħarriġ imwettaq mill-QEA.

**72** L-interpretazzjoni ta' dawn ir-riżultati jenħtieġ li tiegħu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet li jesperjenzaw ir-risponenti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (il-[Figura 9](#)). Pereżempju, xi reġjuni indikaw li ma jimmonitorjawx l-implimentazzjoni, iżda ddikjaraw li tabilħaqq wettqu evalwazzjoni.

**73** Il-Bank Dinji, bħala parti mill-ftehim mal-Kummissjoni, żviluppa żewġ evalwazzjonijiet reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'termini ta' prestazzjoni ekonomika, jiġifieri għar-reġjun ta' [Pomorskie](#) (il-Polonja) u l-[Basque Country](#) (Spanja). Madankollu, l-ambitu ta' dawn l-istudji huwa usa' u l-effett dirett tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti ma jistax jiġi kompletament iżolat: huma janalizzaw l-effetti tal-finanzjament tal-għotjiet għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, jiġifieri dak marbut mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, fuq l-ekonomiji tar-reġjuni. Meta wieħed iżomm f'moħħu din il-limitazzjoni, iż-żewġ studji pilota sabu li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tista' trawwem tkabbir settorjali iżda sabuha wkoll diffiċli li jasserixxu li l-istrateġiji kkontribwew b'mod sinifikanti għall-effiċjenza settorjali.

## Sa issa ma saret l-ebda evalwazzjoni dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell tal-UE

**74** Sa mit-tnedija tal-kunċett fl-2014, il-Kummissjoni la wettqet evalwazzjoni ġenerali tal-prestazzjoni tal-effettività tal-investiment fir-R&I taħt il-FEŻR, u lanqas evalwazzjoni tar-riżultati jew tal-impatt tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, fil-livell tal-UE. Madankollu, ta' min jinnota li b'mod ġenerali, ir-reġjuni jaraw il-benefiċċju li jkollhom strateġija li tagħti prijorità lill-infiq fl-innovazzjoni. Abbażi tal-istħarriġ tagħna, 80 % tar-risponenti xorta kieku jħejju strateġija, jew tip ta' dokument simili ħafna, anki jekk ma kienx rekwiżit biex jirċievu finanzjament mill-UE.

**75** F'dokument tal-2017 bl-isem [Strengthening Innovation in Europe's Regions](#), il-Kummissjoni tiddikjara li l-kundizzjonalità *ex ante* tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għenet biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet istituzzjonali fis-sistemi tal-innovazzjoni. Id-dokument jiddikjara li l-appoġġ għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija huwa mistenni li jgħin lil 15 000 intrapriża jintroduċu prodotti ġodda fis-suq, jappoġġa 140 000 negozju ġdid u joħloq 350 000 impjieg ġdid sa tmiem l-2020. Bħal fil-każ tal-evalwazzjonijiet reġjonali (il-paragrafu **73**), kollha jirreferu għall-effetti tal-finanzjament tal-innovazzjoni ggwidat minn speċjalizzazzjoni intelliġenti. L-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti nfushom mhumie x strumenti ta' finanzjament, u għad irridu naraw l-effetti tagħhom fuq l-investimenti fl-innovazzjoni.

**76** [Rapport tekniku tal-JRC](#) fl-2021 enfażizza d-diffikultà li jitkejjel l-impatt tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u li jiġi identifikat x'jista' jiġi attribwit direttament lilha meta mqabbel ma' fatturi oħra. Madankollu, [studju tal-Kumitat tar-Reġjuni](#) (2023), jiddikjara li fil-livelli reġjonali u lokali, hemm konvinzjoni li l-futur tal-Ewropa jinsab fl-ispeċjalizzazzjoni reġjonali. Barra minn hekk, f'Marzu 2025, il-Kunsill ippubblika [l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-koeżjoni u l-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2027](#), fejn jiſhaq fuq *"l-importanza ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tiswir ta' networks ta' kooperazzjoni, inkluż it-trasferiment tal-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex ir-reġjuni jiġu megħjuna jiżviluppaw kapaċitajiet kompetittivi, isaħħu l-ktajjen tal-valur reġjonali u jintegraw fil-ktajjen tal-valur dinjija"*.

**77** Fl-2024, il-Kummissjoni kkuntrattat [studju](#) biex tivvaluta s-suċċess tal-qafas ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, u fl-ixprunar tal-innovazzjoni u t-trasformazzjoni ekonomika intelliġenti fir-reġjuni tal-UE. Ir-riżultati tal-istudju huma mistennija fit-tieni nofs tal-2025.

**78** Id-9 [rapport dwar il-koeżjoni](#) nnota li l-approċċ ibbażat fuq il-post għall-politika reġjonali issa huwa stabbilit sew u mifruq. Huwa nnota wkoll li l-approċċ ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tal-UE għen biex dan l-approċċ jinxtered u jiġi integrat fost l-awtoritajiet reġjonali fl-UE. Madankollu, ir-rapport ma jipprovdi informazzjoni dwar kemm uriet li kienet effettiva l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-kontribut għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni.

**79** Ir-rapport tal-2024 mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni kkonkluda li kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat bis-sħiħ jekk l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-firxa assoċjata ta' miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi ta' akkumpanjament, irriżultawx f'titjib sinifikanti fil-kwalità istituzzjonali għar-reġjuni l-aktar vulnerabbli tal-UE. Id-DĠ REGIO għandu l-mandat li jwettaq evalwazzjoni tal-FEŻR u tal-fondi ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020 sa tmiem l-2024<sup>42</sup>, iżda din għadha ma ġietx ippubblikata. L-evalwazzjoni li jwettaq se tinkludi taqsima dwar l-investimenti tal-FEŻR li [jsaħħu r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni](#). Madankollu, mhuwiex ċar sa liema punt id-DĠ REGIO se jivvaluta l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

---

<sup>42</sup> L-Artikolu 57 tar-RDK 2014–2020.

## Kummenti tal-għeluq

**80** Filwaqt li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti feġġet f'nofs is-snin 2000, hija ġiet inkorporata fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 mingħajr ma ġiet ittestjata u mingħajr ma kien hemm wisq esperjenza ta' implimentazzjoni fir-reġjuni tal-UE (il-paragrafi **12–16**). Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, ir-Regolament dwar Dispożizzjoni Komuni saħħaħ il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u r-rekwiżiti ta' implimentazzjoni, iżda għamel dan mingħajr ma wettaq valutazzjoni tal-impatt sottostanti (il-paragrafi **20–21**).

**81** Il-Kummissjoni tivverifika l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti tal-istrateġiji u ttipprovdi lir-reġjuni bi gwida u appoġġ tekniku dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (il-paragrafu **06**). Hija trawwem ukoll il-kooperazzjoni interreġjonali (il-paragrafi **23–24**) u l-iskambju tal-għarfien permezz tal-istabbiliment tal-osservatorju tal-komunita' tal-prattika u pjattaformi tematiċi f'xi oqsma ta' prijorità (il-paragrafi **52–54**). Madankollu, ma tużax il-pożizzjoni, l-esperjenza u s-sorveljanza uniċi tagħha biex tiggwida lir-reġjuni fl-għażliet tagħhom, jew biex tlaqqa' flimkien reġjuni li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw reċiprokament minn dan. Ma hemm l-ebda sorveljanza fil-livell tal-UE biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-proċess ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jew biex jiġi żgurat li l-prijoritajiet reġjonali jieħdu kont biżżejjed tal-prijoritajiet tal-UE għar-riċerka fil-politika industrijali u l-innovazzjoni f'dan il-qasam (il-paragrafi **25–30**).

**82** Il-proċess ta' skoperta intraprenditorjali huwa rikonoxxut bħala parti importanti mit-tfassil ta' strateġija, maħsub biex jara li jipparteċipaw kemm jista' jkun partijiet ikkonċernati rilevanti fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet (il-paragrafi **31–38**). Il-koleġiżlaturi għamluha obbligatorja li jiġu identifikati l-prijoritajiet sabiex jiġi aċċessat il-finanzjament tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 (it-**Tabella 2**). Madankollu, il-Kummissjoni ilha mill-2012 ma taġġorna l-gwida tagħha dwar il-proċess u hemm lok sinifikanti għal interpretazzjonijiet u implimentazzjoni differenti tal-kunċett. Xi risponenti għall-istħarriġ tagħna sabuha diffiċli biex japplikaw il-proċess, speċjalment dawk ir-reġjuni li huma inqas innovattivi (il-paragrafu **39**).

**83** Biex ir-riżorsi żgur jiġu investiti fis-setturi fil-mira, ġie introdott allinjament ġenerali bejn il-proġetti ta' innovazzjoni ffinanzjati mill-UE u l-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għall-perjodu 2014–2020, li ġie msaħħaħ għall-perjodu 2021–2027 (il-paragrafi **44–51**). Il-punt sa fejn dawn l-istrateġiji jiggwidaw il-finanzjament jiddependi fuq l-ambitu partikolari tal-prijoritajiet definiti. L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tirrappreżenta approċċ distint minn isfel għal fuq għall-infiq fl-innovazzjoni taħt il-politika ta' koeżjoni, li jirriżulta fi priyoritajiet reġjonali. Politiki oħra tal-UE dwar l-innovazzjoni, bħall-programmi Orizzont u l-istrateġiji tal-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji, il-mikroċipep jew l-idroġenu, jużaw approċċ aktar minn fuq għal isfel li jiffoka fuq l-indirizzar tal-prijoritajiet u l-għanijiet tal-innovazzjoni industrijali tal-UE (il-paragrafu **28**). Iż-żewġ approċċi għandhom il-leġittimità u l-loġika tagħhom stess, iżda fil-biċċa l-kbira huma implimentati b'mod indipendenti. Fiż-żmien li sar dan ir-rapport analitiku ma kien hemm l-ebda mezz dirett biex il-prijoritajiet reġjonali żgur jieħdu inkunsiderazzjoni l-prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-politika industrijali tal-UE.

### Sfida futura 1

Li l-proċess tat-tfassil ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti żgur ikun utli, u jwassal għall-identifikazzjoni ta' priyoritajiet sinifikattivi.

Dan jenħtieġ li jwassal sabiex ir-reġjuni jiddefinixxu l-prijoritajiet tagħhom f'livell xieraq ta' dettall. Hemm opportunità għall-Kummissjoni biex tippromwovi l-koerenza bejn il-prijoritajiet li joħorġu mill-S3 u l-prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-politika industrijali tal-UE. L-Osservatorju CoP S3 jista' jintuża aħjar biex jiġu identifikati lakuni u trikkib priyoritarji.

**84** Il-monitoraġġ tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti wera li huwa ta' sfida għar-reġjuni sa mill-ħolqien tal-kunċett, speċjalment għal dawk inqas innovattivi. Ma nħarġet l-ebda gwida ġdida mill-Kummissjoni għall-perjodu 2021–2027 minkejja li r-rekwiżiti żdiedu (il-paragrafi **65–67**).

**85** Meta kien qed jiġi introdott il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, kien meqjus bħala proċess dinamiku u għal żmien twil, b'benefiċċji potenzjali minħabba l-iffukar ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fil-livell reġjonali. Madankollu, ġew identifikati għadd ta' riskji li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari li huwa jaf isir sempliċi rekwiżit formali (il-paragrafu 18) Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-impatt tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell tal-UE sa issa għadu ma ġiex ivvalutat (il-paragrafu 74). Ma hemm l-ebda konklużjoni ċara dwar il-valur li jgħib miegħu l-proċess, kemm b'mod ġenerali kif ukoll skont it-tip ta' reġjuni, għalkemm l-istudju li għadu għaddej (il-paragrafu 77) u l-evalwazzjoni *ex post* tal-FEŻR u tal-fondi ta' koeżjoni (il-paragrafu 79) għandhom mnejn jindirizzawh imqar sa ċertu punt. L-evalwazzjonijiet li jsiru fil-livell reġjonali, filwaqt li r-rispondenti għall-istħarriġ tagħna jqisuhom bħala impenjattivi, jiffukaw fuq l-evalwazzjoni tal-investimenti ta' innovazzjoni sottostanti aktar milli fuq l-impatt tal-kunċett innifsu. Madankollu, abbażi tal-istħarriġ tagħna, il-biċċa l-kbira mir-reġjuni rispondenti tagħna indikaw li huma jsibu l-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti utli (il-paragrafi 68-75).

## Sfida futura 2

Li l-valur tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti jiġi vvalutat bħala proċess.

Biex din l-isfida tintlaqa', huwa importanti li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fl-UE. Din l-evalwazzjoni jenħtieġ li tiegħu inkunsiderazzjoni jekk il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jaħdimx tajjeb ukoll għar-reġjuni li għandhom profili ta' innovazzjoni u livelli ta' kapaċità amministrattiva differenti, jew jekk iridx jiġi adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Madankollu, mhuwiex ċar sa liema punt il-kunċett jista' jiġi evalwat indipendentement mill-infiq fuq l-innovazzjoni taħt il-FEŻR li huwa jiggwida. Hemm ukoll opportunità għall-Kummissjoni biex tipprova gwida xierqa lill-Istati Membri dwar kif jaraw li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni żgur ikunu effettivi b'mod simplifikat. Din il-ħtieġa ġiet enfasizzata mir-riżultati tal-istħarriġ tagħna.

**86** Il-kollaborazzjoni interreġjonali hija kruċjali fit-tiftix għal komplementarjetajiet f'oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti iżda hija meqjusa bħala impenjattiva, speċjalment fid-dawl ta' pressjoni ġenerali fuq il-kapaċità amministrattiva. Dan it-tip ta' kollaborazzjoni sar wieħed mill-kriterji ta' twettiq għall-istrateġiji fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 (il-paragrafi 59–62). Ir-rabtiet interreġjonali jservu bħala għodda siewja biex tiġi massimizzata l-effettività tal-infiq fuq l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħall-identifikazzjoni ta' kapaċitajiet komplementari ta' benefiċċju f'reġjuni oħra (il-paragrafi 52–58).

### Sfida futura 3

Li jiġi mmassimizzat il-valur tal-kooperazzjoni interreġjonali. Sabiex jiġi aċċessat il-potenzjal reġjonali mhux sfruttat, hemm opportunità għall-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni fost ir-reġjuni. Dan billi tidentifika u tiffaċilita oqsma adatti għal tali kooperazzjoni, tappoġġa reġjuni inqas innovattivi fl-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva tagħhom, u tiżgura li l-inċentivi xierqa għall-kooperazzjoni jkunu fis-seħħ.

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Lulju 2025.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Tony Murphy  
*Il-President*

# Annessi


## Anness I — Eżempji ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

| Reġjun                                         | Baden-Württemberg                                                                                                                                 | Helsinki-Uusimaa                                                                                                                                                    | Stokkolma                                                                           |
|------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------|
| Titolu tal-istrateġija u l-awtorità kompetenti | Strateġija għall-innovazzjoni — Baden-Württemberg: Aġġornament tal-2020 mill-Ministeru tal-Ekonomija, ix-Xogħol u t-Turiżmu ta' Baden-Württemberg | Strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għar-Reġjun ta' Helsinki-Uusimaa: Riżorsi tar-Reġjun ta' Helsinki-Uusimaa mill-kunsill reġjonali ta' Helsinki-Uusimaa | Strateġija ta' negozju u tkabbir għar-Reġjun ta' Stokkolma mir-Reġjun ta' Stokkolma |
| Daqs tar-reġjun                                | NUTS1                                                                                                                                             | NUTS2                                                                                                                                                               | NUTS2/3                                                                             |
| Korp responsabbli                              | Ministerium für Wirtschaft, Arbeit und Wohnungsbau                                                                                                | Kunsill Reġjonali ta' Helsinki-Uusimaa                                                                                                                              | Reġjun ta' Stokkolma                                                                |
| Għadd ta' prijoritajiet                        | 5                                                                                                                                                 | 3                                                                                                                                                                   | 4                                                                                   |

| Reġjun                                                          | Baden-Württemberg                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 | Helsinki-Uusimaa                                                                                 | Stokkolma                                                                                                                                                                                                                                                  |
|-----------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Prijoritajiet                                                   | <p>Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-industrija 4.0</p> <p>Il-mobbiltà sostenibbli (b'sistemi tat-trażmissjoni alternattivi, kunċetti ta' vetturi ġodda, f'network, diġitalizzati u awtonomi li jkopru l-modi kollha tat-trasport)</p> <p>Ix-xjenza tas-saħħa</p> <p>L-effiċjenza fir-riżorsi, it-tranżizzjoni tal-enerġija, u l-bijoekonomija sostenibbli</p> | <p>In-newtralità klimatika</p> <p>Belt taċ-ċittadini</p> <p>Il-modernizzazzjoni industrijali</p> | <p>Ix-xjenza tal-ħajja, il-kura u s-saħħa</p> <p>L-ICT, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni</p> <p>It-tranżizzjoni industrijali permezz tal-produzzjoni sostenibbli</p> <p>L-investimenti klimatiċi u ambjentali għall-iżvilupp sostenibbli tal-bliet</p> |
| Pubblikazzjoni                                                  | Frar 2020                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | Mejju 2020                                                                                       | Ġunju 2021                                                                                                                                                                                                                                                 |
| S3 "pur" (dokument dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti biss) | Iva                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | Iva                                                                                              | Le, pjan ta' żvilupp reġjonali ġenerali b'taqsimi ddedikati għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti                                                                                                                                                          |

Sors: il-QEA, abbażi ta' dokumenti reġjonali.

## Anness II — Skeda ta' żmien tal-iżvilupp tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti



Sors: il-QEA, abbażi ta' rieżami tal-letteratura.

### Anness III — Lista ta' proġetti ta' strateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti rieżaminati

| Reġjun/proġetti | Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett                                                                                                                                                                                                                                                    | Qasam ta' prijorità                    | Kost totali (f'elf EUR) | Kofinanzjament tal-UE (% f'elf EUR) | Bidu u tmiem tal-implimentazzjoni | Ir-riżultati                                                                                                                                                                                         |
|-----------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------|-------------------------|-------------------------------------|-----------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Il-Bavarja 1    | Il-proġett "Network Effiċjenti tat-Teknoloġija tal-Produzzjoni" (EffPro) kellu l-għan li jsaħħaħ it-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-università u l-SMEs fl-inġinerija mekkanika u tal-manifattura. Il-fokus kien fuq it-tnaqqis fil-kostijiet permezz tal-iffrankar tal-enerġija. | Teknoloġiji ta' produzzjoni effiċjenti | 4 751                   | 2 375 (50 %)                        | 6/2017–12/2021                    | 24 attività u proġetti ta' riċerka eż. dwar il-kejl ottiku 3D, l-immarkar industrijali tal-komponenti (CastCode), it-tagħlim awtomatiku għall-kontrolli tal-proċess (EMMAPro), 11-il pubblikazzjoni. |

| Reġjun/proġetti | Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett                                                                                                                                                                                                            | Qasam ta' prijetà                                 | Kost totali (f'elf EUR) | Kofinanzjament tal-UE (% f'elf EUR) | Bidu u tmiem tal-implimentazzjoni | Ir-riżultati                                                                                                                                                                                                                                                  |
|-----------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------|-------------------------|-------------------------------------|-----------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Il-Bavarja 2    | Il-proġett "Service Innovation for Trade — DIGIONAL" kellu l-għan li jappoġġa lill-SMEs fil-kummerċ tradizzjonali biex jiffaċċjaw l-isfidi taż-żieda fil-kompetizzjoni mill-agglomerazzjonijiet urbani u l-kummerċ elettroniku li qed jikber. | Servizzi innovattivi, ibbażati fuq it-teknoloġija | 1 892                   | 946 (50 %)                          | 2/2018–7/2022                     | Riżultati tanġibbli tal-proġetti miksuba: eż. 1 300 mistħarrġa, 23 proġett ta' kooperazzjoni, 60 gwida għad-diġitalizzazzjoni ppubblikati. Is-sostenibbiltà diffiċli biex titkejjel iżda s-sħab tal-kooperazzjoni żammew jew espandew l-attivitajiet tagħhom. |
| Il-Bavarja 3    | Proġett tal-ħżin tal-batteriji li jiġbor flimkien il-kompetenzi fil-ħżin tal-enerġija bejn żewġ universitajiet.                                                                                                                               | Mhux applikabbli                                  | 6 429                   | 5 465 (85 %)                        | 10/2015–3/2019                    | Ara l- <b>Kaxxa 6</b> .                                                                                                                                                                                                                                       |

| Reġjun/proġetti | Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett                                                                                                                                                                                                                                                    | Qasam ta' prijorità                                   | Kost totali (f'elf EUR) | Kofinanzjament tal-UE (% f'elf EUR) | Bidu u tmiem tal-implimentazzjoni | Ir-riżultati                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|-----------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------|-------------------------|-------------------------------------|-----------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Extremadura 1   | Proġett dwar l-użu potenzjali tat-teknoloġija tal- <b>Ispettroskopija fl-Infraaħmar Qrib</b> (NIR) biex jiġu vvalutati l-parametri tal-kwalità fiż-żjut taż-żebuga bħal: l-indiċi tal-maturità, l-aspetti fiżiċi, l-integrità, l-istatus tas-saħħa, l-uniċità u s-sikurezza tal-ikel. | Agroalimentari u trasformazzjoni diġitali             | 333                     | 162 (50 %)                          | 12/2020–11/2022                   | Miksuba bis-sħiħ u x'aktarx jibqgħu sostenibbli. Il-proġett ippermetta lill-benefiċjarju jtejjeb il-kwalità taż-żejt taż-żebuga prodott sal-punt li 90 % taż-żejt taż-żebuga prodott bħalissa huwa żejt taż-żebuga ekstra verġni. Il-proġett jiżgura wkoll mod trasparenti ta' kif il-bdiewa jitħallsu għall-prodott tagħhom. |
| Extremadura 2   | Proġett biex jiġi esplorat l-użu ta' <b>teknoloġija iperspettrali</b> biex jiġu vvalutati l-parametri tal-kwalità fil-laħam tal-majjal ħalli tiġi identifikata l-preżenza ta' batterji.                                                                                               | Agroalimentari u saħħa marbuta mas-sikurezza tal-ikel | 184                     | 110 (60 %)                          | 12/2020–9/2022                    | Ir-riżultati tanġibbli tal-proġett miksuba (eż. algoritmu) u privattiva maħluqa. Is-sostenibbiltà hija inċerta billi l-proġett ma laħaqx il-livell ta' benefiċċji kummerċjali (il-katina tax-xiri prinċipali għadha mhix qed tuża din it-teknoloġija tas-sikurezza alimentari).                                               |

| Reġjun/proġetti                                                                 | Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett                                                                                                                                                                                                                                                                              | Qasam ta' prijorità                          | Kost totali (f'elf EUR) | Kofinanzjament tal-UE (% f'elf EUR)                                                                                                                        | Bidu u tmiem tal-implimentazzjoni | Ir-riżultati                                                                                |
|---------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------|-------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------|
| Interreg: Extremadura (Spanja) u r-reġjuni ta' Alentejo u Centro (il-Portugall) | INNOACE huwa proġett b'16-il entità (4 universitajiet, 6 parks tax-xjenza u 6 ċentri teknoloġiċi) li għandu l-għan li joħloq sinerġiji fost l-intrapriżi u ċ-ċentri tar-R&I, iwettaq azzjonijiet ta' trasferiment u validazzjoni bikrija ta' prodotti u servizzi permezz ta' proċessi ta' innovazzjoni miftuħa. | Trasformazzjoni agroalimentari u teknoloġika |                         | Iffinanzjat minn Interreg V-A Spanja-il-Portugall (POCTEP) 2014–2020.<br><br>4 556 (70 % minn Spanja, 30 % mill-Portugall) maqsuma bejn 16-il benefiċjarju | 1/2017–12/2020                    | Innovazzjonijiet miġbura f'14-il qasam <a href="http://www.innoace.eu">www.innoace.eu</a> . |

Sors: il-QEA, abbażi ta' dokumenti tal-proġetti rieżaminati.

## Anness IV – Metodoloġija tal-istħarriġ tal-QEA

### Skop

**01** L-għan tal-istħarriġ tagħna kien li jinkiseb fehim usa' u aktar komprensiv tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fl-UE. Il-kwestjonarju kien fih sitt taqsimiet: l-isfond, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, l-appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni, il-kooperazzjoni interreġjonali, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u riflessjonijiet finali.

### Implimentazzjoni tal-Istħarriġ

**02** Espert intern fil-metodoloġija tal-istħarriġ wettaq testijiet preliminari indipendenti online tal-abbozz tal-istħarriġ ma' grupp żgħir ta' rispondenti finali qabel il-pubblikazzjoni tiegħu. Il-feedback minn dawn it-testijiet preliminari, b'input mid-DĠ REGIO, ġie inkorporat mit-tim tal-awditjar meta meqjus meħtieġ.

**03** L-istħarriġ online ntbagħat lill-istituzzjonijiet reġjonali jew nazzjonali kompetenti kollha, jew lill-korpi responsabbli mill-ġestjoni tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Dan twettaq bl-użu ta' EUSurvey, għodda ta' stħarriġ online.

### Rata ta' rispons

**04** Irċevejna tweġibiet validi minn 104 awtoritajiet fi 22 Stat Membru, li jirrappreżentaw rata kumplessiva ta' rispons ta' madwar 58 %. Madankollu, konfigurazzjonijiet stretti tal-firewall jaf żammew lil xi riċevituri milli jirċievu l-email tal-istedina għall-istħarriġ.

## Abbrevjazzjonijiet

**DĠ REGIO:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana

**DĠ RTD:** Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**JRC:** Ċentru Konġunt tar-Riċerka

**R&I:** Riċerka u Innovazzjoni

**RDK:** Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni

**S3:** Strateġija jew strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

**CoP S3:** Komunità ta' Prattika ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti

## It-tim tal-QEA

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II — Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. Il-kompitu tmexxa minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Eric Braucourt, Kap tal-Kabinett u Guido Fara, Attaché tal-Kabinett; Gediminas Mačys, Maniġer Prinċipali; Jussi Bright, Kap tal-Kompitu; Jan Hendricks, Rene Reiterer u Juan Antonio Vazquez Rivera, Awdituri; Austin Maloney u Ines Gonzalez Echanove, appoġġ għall-awditjar; Jacob Haas u Gabriele Ramonaite, Trainees. Laura McMillan ipprovdiet appoġġ lingwistiku, Britta Middelberg ipprovdiet appoġġ fl-istħarriġ u Dunja Weibel ipprovdiet appoġġ grafiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Britta Middelberg, Eric Braucourt, Jussi Bright, Austin Maloney, Annemie Turtelboom, Guido Fara, Gediminas Mačys, Rene Reiterer.

# DRITTIJJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figure 4 – © Innovationsland.Bayern – Bayerische Innovationsstrategie 2021-2027, Bavarian Ministry of Economic Affairs, Regional Development and Energy.

Figura 5 - © Prognos/CSIL (2021).

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

## Użu tal-logo tal-QEA

Ma jstax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

|     |                        |                |                     |                   |
|-----|------------------------|----------------|---------------------|-------------------|
| PDF | ISBN 978-92-849-5582-4 | ISSN 2811-8278 | doi:10.2865/9447551 | QJ-01-25-045-MT-N |
|-----|------------------------|----------------|---------------------|-------------------|

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Analitiku 05/2025](#): “Strateġiji ta’ speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-UE”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija approċċ ta' politika tal-UE, li ġie implimentat bis-sħiħ mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 'il quddiem. Permezz tagħha, ir-regġuni jidentifikaw prioritajiet ta' investiment u fuqhom jiffukaw l-infiq allokati lilhom mill-UE għall-innovazzjoni reġjonali. L-għan huwa li jiġi mmassimizzat il-vantaġġ kompetittiv u li jsir progress fuq il-punti ekonomiċi b'saħħithom tar-regġuni stess. Dan ir-rapport analitiku għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni lill-qarrej dwar x'inhi l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u kif tiġi implimentata fl-UE. Aħna osservajna li filwaqt li l-biċċa l-kbira mir-regġuni jsibu li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti hija utli, għad hemm lakuni f'dak li jirrigwarda prioritajiet ċertament sinifikattivi għar-regġuni nfushom, u għall-għanijiet strateġiċi usa' tal-UE. Ir-regġuni jkunu jibbenefikaw minn aktar appoġġ, hemm potenzjali għal monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar, u jista' jsir aktar biex jiġi stimolat il-valur tal-kooperazzjoni interreġjonali.

**IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/contact](https://eca.europa.eu/mt/contact)  
Sit web: [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)  
Media soċjali: @EUauditors



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI